**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 8 ta' Gunju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Doris (Maria Dolores) Borg, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 77161(M)**

*Kumpilazzjoni Numru: 178/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Doris (Maria Dolores) Borg u ċioe` talli:

F'dawn il-gzejjer Maltin, matul il-perjodu ta' bejn Jannar, 2016 u Ottubru, 2016, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommettiet serq ta' karta ta' kreditu u cioe` 'Quick Cash card' bin-numru **5887000010181557** ghad-dannu ta' Benedetta Agius detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 272331(M), liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-lok;

2. u aktar talli, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000)

ghad-dannu ta' Benedetta Agius detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 272331(M) u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

3. u aktar talli, ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta' Benedetta Agius detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 272331(M) u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

4. u aktar talli, approprjat ruhha, billi dawwart bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu ta' Benedetta Agius detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 272331(M) u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

5. u aktar talli, ikkommettiet serq ta' flus permezz ta' karta ta' kreditu ghad-dannu ta' Benedetta Agius u/jew ta' persuna/i ohra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna;

6. U aktar talli għamlet atti ta' money laundering billi :-

   a) Ikkonvertiet jew trasferixxiet proprjeta` meta kienet taf jew issuspettat li dik il-propjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;

   b) Ħbiet jew wriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kienet taf jew issuspettat li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

   c) Akkwistat propjeta', kont fil-pussess jew użat propjeta' meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

   d) Irriteniet mingħajr skuża raġonevoli proprjeta' meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew

indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

e) Ittentat tagħmel xi ħwejjeġ jew attivitajiet illegali imsemmija fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9;

f) Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputata Doris (Maria Dolores) Borg bhala li saret recediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħatja tħallas id-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputata Doris (Maria Dolores) Borg bhala persuna li kkommettiet reat fuq persuna anzjana jew adult dipendenti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 257D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni moghti mill-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;[1]

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali permezz ta' liema bagħat lill-imputata biex tiġi ġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[2]

a. Fl-artikoli 18, 261(d) u (e), 268, 269 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.771-772
[2] Fol.771

c. Fl-artikoli 18, 293 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 18, 261(c) u (d), 267, 268, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Rat l-atti w d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

**Il-PROVI**

**L-Ispettur Robert Vella** spjega kif fit-18 t'Ottubru, 2016, sar rapport minn certu Benedetta Agius, Benna, li s-*savings account* taghha kien gie zvujtat kwazi ghal kollox meta fl-istess sena kienet iddepozitat €9,000 minn *insurance policy* filwaqt li fil-kont kienet regolarment tiddepozita l-pensjoni fl-ahhar tax-xahar. Mill-*statements* li gabet maghha Agius, deher li fil-kont kien fadal biss €8.06c. Is-suspett ewlieni taghha kien fl-imputata li giet interrogata minnu. Ghall-ewwel Borg nnegat li kienet ghamlet uzu mill-*card [debit card]* ta' Agius.[3] Minn informazzjoni miksuba mill-bank rrizulta li filwaqt li kont kien inghalaq, kien hemm kont wiehed iehor li fuqu ma kienx hemm prokura. F'Novembru, 2016, Agius awtorizzat lil Christianne Jane Spiteri biex tibda tamministralha l-kont;[4] dan sehh <u>wara</u> l-perjodu inkriminat u wara li Agius ghamlet ir-rapport kontra l-imputata.

Ikompli Vella: *"Fl-istess hin jien kont bqajt inzomm kuntatt mal-bank u ovvjament meta kont rajt l-istatements tal-bank filfatt kien hemm numru ta' transazzjonijiet u kif ukoll irrizulta li kien hemm numru ta' transazzjonijiet f'postijiet partikolari, kien hemm erbgha postijiet partikolari, li kienu Lourdes Service Station, li hi service station li qeghda fil-mina ta' Hompech, Haz-Zabbar, il-Gamblu Confectionery, Cosmed Pharmacy u Essence of Beauty. Dawn irrizultaw minhabba l-fatt li mill-bank irnexxilhom jittracejaw numru ta' ircevuti fejn saru hlasijiet liema ircevuti li kienet*

[3] Fol.13
[4] Fol.14

*ukoll intuzat il-credit card ta' Benedetta Agius, pero' irrizulta illi fuq l-amounts, l-ircevuta li tinghata mill-hwienet* ***il-firma kienet ta' Doris Borg****. Konna kellimna lil dawn is-sidien ta' dawn il-hwienet partikolari fejn is-sid ta' Lourdes Service Station kien jaf, filfatt ikkonferma li kien jaf lil Doris Borg, u kien qal li hija kienet xtrat karozza tal-marka Toyota Vitz minghandu bin-numru tar-registrazzjoni FGC 726 u li kienet qed thallas din il-vettura permezz ta' instalments. Il-Gamblu Confectionery kien ukoll ikkonferma li Doris Borg hija regolari li tmur ghandu. L-Essence of Beauty kkonfermat ukoll li Doris Borg kienet wahda mill-klijenti regolari taghha u kif ukoll il-Cosmed Pharmacy kkonfermaw li kienu jafu, l-Cosmed Pharmacy li tinsab gewwa Triq Villambrosa l-Hamrun u kkonfermaw li huma kienu jafu lil Doris Borg bhala klijenta regolari taghhom. Din l-informazzjoni li kelli f'idi jiena kont imbaghad ghamilt, kont tlabt lill-Magistrat Doreen Clarke sabiex inkun nista' narresta lil Doris Borg, …. Eventwalment fit-18, fl-istess data hija rrilaxxat stqarrija fejn f'din l-istqarrija hi kienet ikkonfermat hi kienet tiehu hsieb lil Benedetta Agius,* ***ikkonfermat ukoll li filfatt kienet ghamlet uzu minn xi flus minn taghha****. Meta jien urejtha l-ircevuti li kelli f'idejja li uzat f'certu stabbilimenti, hi kienet* ***ikkonfermat li uzathom hi, kienet ikkonfermat ukoll li hadet xi flus minghand Benedetta Agius, pero' hi dejjem sostniet li ma kinetx hadet l-ammont ta' dsatax-il elf.*** *Filfatt kienet fl-ahhar tal-istqarrija taghha, kienet* ***qaltli, ara x'hadt jien ghalija u jien naghtihomlha, pero' kienet ziedet speci li ma kinetx lesta li thallas xi flejjes ohra li skond hi setghu hadu xi persuni ohra****. Jien kont staqsejtha jekk kienx hemm xi persuni ohra li kienu hadu xi flus, pero' hi fl-ebda hin ma tatni ismijiet partikolari ta' xi persuni ohra.".*[5]

Gew esebiti kwerela datata l-14 ta' Settembru, 2016[6], *statements* tal-bank[7] mitluba mill-investigatur innifsu,[8] rendikont dwar il-kontijiet ta' Agius, ricevuti (*ePOS*[9] *chits*) li l-bank gabar minn stabbilimenti li thallsu bil-*card* ta' Agius izda gew ffirmati minn Borg,[10] kif ukoll dokument datat l-11 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu Agius awtorizzat lil Christianne Spiteri topera l-kont taghha.[11] Kif intqal dan sehh wara li sar rapport fil-konfront ta' Borg u ghalhekk ma jincidiex fuq il-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet.

---

[5] Ibid.
[6] **Dok.RV** a fol.16-31
[7] **Dok.RV3** a fol.35-80
[8] **Dok.RV1** u **Dok.RV 2** a fol.33-34
[9] *Electronic Point of Sale*
[10] **Dok.RV4** a fol.81-100
[11] **Dok.RV5** a fol.98

Current Incident Report

**PS267 Anthony Cassar** esebixxa l-**Current Incident Report**[12]dwar dan il-kaz u semma kif ir-rapport sar minn Benedetta Agius li twasslet l-ghassa minn koppja peress li ma kienitx timxi sew. Waqt li ghamlet ir-rapport mas-surgent, **Agius kienet wahdeha fl-ufficju tieghu**.[13]

Dan ir-rapport sar fit-18 t'Ottubru, 2016, fl-ghassa tal-Hamrun fil-11:49hrs. Agius stqarret li l-jum ta' qabel marret il-bank u sabet li minn xi €8,000 li kellha fil-kont ma kien fadlilha xejn. Bdiet tissuspetta fil-*care workers* u fl-imputata peress li kienet tghaddilhom il-*card* biex jigbdulha l-flus mill-bank. Agius provvdiet rendikont tal-HSBC li kien juri li fil-kont kellha €9,038.02 fis-16 ta' Lulju, 2016, izda sal-5 t'Ottubru, 2016, dawn nizzlu ghal €8.06c. Agius semmiet mal-pulizija kif Dorothy kienet tinsisti biex tiehu hsiebha w nnutat kif din kienet harget vettura gdida.[14]

Il-pulizija tkellmu ma Mary Camilleri mill-Apex Community Care li xogholha kien taqdi lil Agius, tahsilha u ttiha tiekol. Din stqarret li kellha tixtrilha minn flusha peress li Agius ma kellhiex flus.

L-imputata giet mitkellma wkoll u stqarret li kienet tahsel il-hwejjeg ta' Benna gewwa d-dar taghha, kienet taghmilha kumpanija w issajrilha. Interessanti li filwaqt li fl-istqarrija taghha Borg ma thalli ebda dubbju dwar il-**pretensjonijiet ta' kumpens** li kellha dritt tiehu minghand Agius, lis-surgent qaltlu li wara li tkellmet mal-Kappillan dan qalilha tibda taghmel **volontarjat**![15] Borg kompliet tghid lis-surgent li Benna Agius *"kienet tatha l-cashlink kemm il-darba fejn anke gieli kienet maghha u qaltilha biex thallas minnha diversi drabi."* Rigward il-pagament ta' €645 lil Lourdes Service Station fil-25 ta' Lulju, 2016, Borg qalet li kienet Agius li tatha l-*card* u qaltilha issewwi l-vettura mahbuta. Semmiet ukoll li ghamlet xirja ghaliha minghand Gamblu Confectionery ghal €400 fil-25 t'Awissu, 2016. Borg sostniet li kienet Agius li qaltilha thallas zewg pagamenti lil Lourdes Service Station f'total ta' €320 fis-26 t'Awissu, 2016, biex thallas hsarat wara li laqtet il-fanal tal-vettura taghha.[16] Gie rrapurtat ukoll kif fl-istess jum fil-15:00hrs Tania Fenech mill-Apex Community Care qalet lill-pulizija li Agius qaltilha li Borg haditilha l-pilloli w ricetta, izda meta Borg marret mal-pulizija fir-residenza ta' Agius dawn instabu fil-*cupboard* kif indikat l-istess Borg. Sar maghruf ukoll li Borg avvicinat lil Agius u qaltilha *"Thammignix mal-*

---

[12] **Dok.AC** a fol.117 et seq

[13] Fol.115

[14] Fol.119

[15] Fol.119

[16] Ibid.

*pulizija ghax hazin ghalik".* Lourdes Service Station filwaqt li nfurmaw lill-pulizija li ma jaghmlux servizz ta' tellar, zvelaw li Borg kienet xtrat vettura minghandhom fuq kambjali.[17]

**Joseph Debono** mill-Kummissarjat ghat-Taxxi ddikjara li mis-sena bazi 2013 l-imputata 'Borg, li hi indikata bil-kunjom 'Freeman', ma ssottomettietx *returns*.[18]

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus, esebixxa dokument li juri li Borg kienet impjegata ma Tarxien Confectionery mill 2010 sal-2014.

**Anne Scicluna**, *social worker* mad-Dipartiment tal-Anzjani, tirrakonta ghaliex hasset li **kellha taghmel rapport** mal-pulizija. Scicluna tghid: *"sibt ghandha nies godda jigifieri fis-sens mhux min kien imur ghandha s-soltu jew biex jiehu hsiebha, kien hemm mara u ragel li kienu wkoll spjegawli li kienu l-girien taghha, dawn qaluli illi kienu marru l-bank ghax l-anzjana bdiet tghidilhom li ma ghandhiex flus, haduha maghhom lill-anzjana, gibdu l-istatement tal-bank u sabu li ma kienx hemm flus fl-account. Jien ghidtilhom li ahna meta jkun hemm kaz bhal dan, irid isir rapport l-Ghassa, peress li **l-anzjana ma kienitx mobile**, inzilt l-Ghassa jiena u s-Surgent qalli li ser jitla' hu biex hi taghmel ir-rapport."*[19].

Tajjeb jigi sottolinejat li kienet **Anne Scicluna li taghat parir biex issir rapport**, u kif dak li tixhed, dwar kif sehhew l-affarijiet, jigi korroborat minn Christianne Spiteri u mill-istess Benedetta Agius fil-verzjoni taghha mehudha *a tempo vergine* mis-Surgent Cassar. Dan qed jinghad in kwantu ghat-tezi sottomessa mill-abbli difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha li Agius giet mgieghlha taghmel rapport kontra Doris Borg minn Spiteri u s-sieheb taghha, Reginald James.

Scicluna tispjega li l-imputata kienet tiehu hsieb Agius izda maz-zmien hasset li din kellha tidhol f'*home*. Borg kienet gabet *carer* minn kumpanija privata biex toqghod mal-anzjana li kienet thallas ghaliha mill-*account* ta' Agius. Ghalhekk infethet *application* biex Agius tidhol f'*home*. Meta nqala' dizgwid bejn Agius u Borg, Agius qalet lil Borg biex ma tmurx izjed, u l-*carer* li ma rieditx tidhol f'inkwiet, qaltilha li ma rieditx tkompli taghti servizz lil Agius. B'hekk saret applikazzjoni ghall-ghajnuna ghal Commcare u ghal Homehelp, li bdew imorru huma. Gara izda li Agius ippreferiet xi girien godda u dawn bdew jghinuha huma. Scicluna tghid li kienet tikkomunika sew ma Agius *"L-anzjana kienet orrajt jigifieri…. Meta jien kont inkellimha tajjeb kienet, infatt per ezempju meta inqala dan …d-dizgwit f'Ottubru ..Tat-2016. Meta kien inqala dan id-dizgwit jigifieri,*

[17] Fol.120
[18] Fol.737
[19] Fol.358

*l-anzjana l-izjed li kienet titbaqbaq ghax qalet li kien kellha xi flus allokati ghall-funeral u meta qalulha li fil-bank ma ghandha xejn bdiet tibki u filfatt fit-triq taghhom stess kien joqghod tal-funerali u ghajtulu dak il-hin u qal iva dejjem hekk kienet tghid li jaghmilli funeral bhal ma kellu r-ragel tieghi, pero' meta kienu bdew qishom jitkellmu Dorothy u l-anzjana fuq dawn il-flus,* ***wahda kienet qalet lill-anzjana tghidilha biex tiehu dawn il-flus bhal speci talli kienet tghinha u l-ohra qalet li mhux vera."*** **Din il-konversazzjoni saret quddiem ix-xhud Scicluna, fejn mill-ewwel Agius inneggat dak li sostniet l-imputat.**[20] Ix-xhud tiddeskrivi kemm Borg kienet tiehu hsieb lil Agius, *"jien meta kont immur ghandha, s-Sinjura Borg kienet iggibilha s-sandwich, tara li hi orrajt kienet tehodha biex tghaddi l-hin maghha meta hi kienet tkun xoghol, kienet tnizzilha, fl-istess triq kienet tehodha ghand il-mama taghha biex jghaddu ftit hin flimkien u l-anzjana kienet tfahharha lil Dorothy li jigifieri qeghda tghinha, sewwa? Jigifieri sa dak iz-zmien u anke l-ohra kienet tmur u fil-weekend kienet terga ggibilha l-carer biex tkompli tatiha servizz, jigifieri filghodu kien ikollha din il-carer maghha biex tatiha servizz u anke l-post kien ikun nadif u anke l-anzjana kienet tkun nadifa, jigifieri kienet qed tmur tatiha dan is-servizz li tara li kollox tajjeb jigifieri."*[21]

**Sara Sciortino**, in rapprezentanza ta' Casa Serena, tixhed li Agius ddahhlet fil-*home* fid-29 ta' Novembru, 2017, sena wara l-perjodu inkriminat.[22] Mill-*medical records esebiti*[23] jirrizulta li Agius kienet rikoverata minn Lulju sa Novembru, 2017, f'Mater Dei u f'dak iz-zmien *"Pt able to hold a conversation"*. Fit-28 ta' Lulju, 2017, *"Pt flagged for long time care"*.[24] Mill-'Continuity of Care Form' datata Novembru, 2017, jirrizulta li *"Openly Communicates"*[25] izda mill-Medical Notes jigi ndikat li *"Patient has dementia"*[26] u sa Lulju, 2018, *"Pt has Advanced Dementia"*.[27] Evidentement il-kundizzjoni ddeterjorat b'pass mghaggel konsiderat li Anne Scicluna tghid cjar u tond li sakemm kienet tiehu hsiebha, l-anzjana kienet tikkomunika sew maghha, xi haga li tikkonferma ruhha mill-*medical records* ta' Lulju, 2017: *"Pt able to hold a conversation"*. Mid-dokumentazjoni esebita jidher li bhala *next of kin* giet indikata Christianne Spiteri[28], li lilha kienu jigu mibghuta *invoices* ghall-spejjez ta' Agius fil-*home*.[29]

---

[20] Fol.359
[21] Fol.360
[22] Fol.651
[23] **Dok.SS** a fol.657 et seq
[24] Fol.657
[25] **Dok.SS1** a fol.663
[26] Fol.665
[27] Fol.667
[28] Fol.663, 671-672
[29] **Dok.SS3** a fol.674-683

**Mary Camilleri**, *care worker* ma Apex, tixhed li bejn Awissu u t-13 t'Ottubru, 2016,[30] kienet tmur ghand Agius hamest ijiem fil-gimgha ghall-tlett sighat fejn kienet izommilha kumpanija, tahslilha w taghtiha tiekol. Wara li baghat ghaliha l-Ispettur, peress li Agius kienu nsterqulha xi flejjes, ma baqghetx tmur w izzid li hi qatt ma rat flus jew *card*, anzi peress li Agius ma kienx ikollha flus gieli harget flus minn taghha.[31] Madwar jumejn qabel li ma baqghetx tmur ghandha, Agius indikatilha persuna ta' madwar 25 sena b'xagharha twil iswed li kienet ser tibda tiehu hsiebha.[32] In kontro-ezami tixhed li gieli rat lil Agius taghti l-*card* lill-imputata biex **tigbdilha ammont ta' flus**. Dawn il-flus Agius kienet taghmilhom go portmoni iswed, u Borg kienet tirritorna l-*card*.[33] Il-portmoni kienet tahbih u gieli nsiet fejn tkun poggietu.[34] Agius kienet tghid li uliedha serquha w kienu jsawwtuha. Bezzghet li Agius setghet taqla xi qlajja fuqha, w meta ddahhlu l-pulizija waqqfet tmur ghandha.[35]

Ghalhekk bix-xhieda taghha, din il-*care worker* tikkonferma dak li qalet Agius lis-Surgent Cassar u cioe` li kienet taghti l-*card* lill-imputata biex tigbdilha flus mill-kont taghha – cioe` ghaliha kienu jkun il-flejjes! Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-imputata, ma ngabet l-ebda xhud sabiex tikkorobora li Agius kienet taghti l-*card* taghha lill-imputata ghall-ispejjez u kapricci taghha.

**Tanya Fenech Scerri**, nurse mal-*community care*, spjegat kif ta' kuljum kienu jmorru jaghtu l-pilloli lil Agius permezz ta' *nurse*. Darba wahda Agius wahhlet fl-imputata li haditilha l-pilloli izda wara li giet involuta l-pulizija li tkellmet ma Borg, irrizulta li ma kienx minnu li l-pilloli ttiehdu tant li nstabu fid-dar ta' Agius. Dan is-servizz ta' tqassim ta' pilloli hu b'xejn u nbeda fis-16 t'Ottubru, 2016.[36]

Mill-CommCare Assessment jirrizulta wkoll li bhala *'Psychological State'* Agius kienet ***"fully oriented"***.[37] Agius jidher li rrakontat lin-*nurse* li Borg kienet

---

[30] Ghalkemm gie traskritt '2017' il-jiem jikkorrispondi mas-sena 2016 u mhux 2017. Tant li bejn Lulju u Novembru 2017 Agius kienet rikoverata Mater Dei kif jixhed il-*Case Summary Report* a fol.657 et seq

[31] Fol.692

[32] Fol.693

[33] Fol.823

[34] Fol.823

[35] Fol.824

[36] Fol.701

[37] Fol.707

serqitilha l-flus, ghalhekk kienet ghamlet rapport lill-pulizija[38] u *"Client is very disturbed and anxious due to the claimed robbery".*[39]

**John Galea**, *fraud manager* mal-HSBC, pprovda ghadd ta' ricevuti li saru bil-*card* ta' Agius izda li gew iffirmati minn l-imputata Borg. Ipprezenta *statements* ta' transazzjonijiet li saru fi hwienet permezz tal-istess *card*,[40] u spjega li fl-2012, Agius fethet kont ma Hamrun *branch* w applikat ukoll ghal *Quick-Cash card.* F'dan il-kont kienu dahhlu xi tlett cekkijiet bil-bqija tad-depoziti jkunu fondi mis-Sigurta` Socjali. F'Jannar, 2014, tbiddlet il-*card* li kellha tiskadi f'Jannar 2017, u nhareg *pin number* gdid.[41] Jikkonferma li malli kienet tidhol il-pensjoni din kienet tingibed izda ma jafx minn min.[42]

Riprodott ix-xhud esebixxa *statements* ohra li juru kif il-pensjoni li bdiet tircevi Agius kienet qed tingibed mill-ewwel. Dawn l-*statements* jkopru l-perjodu t'Ottubru, 2016 - Settembru, 2017; wara l-perjodu inkriminat.[43] In kontro-ezami spjega li kienu qed jingibdu flejjes minn Cristianne Spiteri permezz ta' *power of att*orney izda dawn ma kienux ATM *withdrawals* izda minghand il-kaxxier, bl-*identification* ta' min qed jaghmel il-*withdrawal;*[44] **kuntrarjament ta' dak li kien qed issehh fil-perjodu inkriminat fejn intuzaw ukoll *ePOS terminals*.**

Tenut kont li l-*power of attorney* maghmulha favur Spiteri saret b'mod regolari, u dan wara l-perjodu inkriminat, kif gja ntqal aktar il-fuq, mhemmx rilevanza ai fini tal-imputazzjonijiet addebitati lil Borg.

Jibqa' l-fatt li kwalunkwe *withdrawal* li sar minn Spiteri sar permezz ta' prokura fi zmien meta l-kont ta' Agius kien fadal fih biss €8.06 kif tixhed id-data tal-20 t'Ottubru, 2016.[45] Minn dak iz-zmien il-quddiem l-istess Agius riedet li jkunu Spiteri w is-sieheb taghha li jiehdu hsiebha, irrispettivament minn xkien il-mottiv wara l-arrangament li sar bejniethom u Agius.

**Moira Ciantar**, in rapprezentaza tal-HSBC, murija l-*account opening form* u *Mandate form*[46]spjegat li f'Ottubru, 2012, fethet kont ghal Agius. Minhabba l-*specimen signature*, u peress Agius iffirmat b'salib, kellha tiffirma hi bhala ufficjal tal-bank flimkien ma persuna mill-pubbliku li dak il-hin kienet fil-kju

[38] Fol.708
[39] Fol.710
[40] Fol.108
[41] Fol.109
[42] Fol.110
[43] **Dok.JGZ** a fol.163-168
[44] Fol.778
[45] **Dok. JGZ1** a fol.781
[46] Fol.84-87

tistenna bhala xhud tal-marka (is-salib) li ghamlet Agius.[47] Dan gie kkonfermat minn **Maria Concetta Green,** ix-xhud li rat lil Agius 'tiffirma' permezz ta' salib.[48]

**Christianne Jane Spiteri** li tghix fl-istess triq bhall-imputata w Agius tixhed kif darba s-Sibt, is-sieheb taghha Reginald James cemplilha biex jgharrafha li Agius bdiet tibki mieghu w talbitu johodha l-bank biex tara x'ghandha flus peress li l-imputata hallitha bla flus fil-kont taghha. It-Tnejn, wara li hadu t-tfal l-iskola baqghu sejrin ma Agius il-bank B'Kara. Il-kaxxiera qaltilha li ma kellhiex flus fil-kont, *"Qabzet Benedetta Agius, le qaltilha <u>ghandi tal-funeral zgur hawn u nfaqghet tibki</u>. Intefatilna bilqeghda lura ghax hadniha bil-walker u l-kaxxiera tal-bank qaltli ahjar tibqghu sejrin biha l-Ghassa. Imbaghad hadniha l-Ghassa u fethet ir-rapport."* Agius kienet iddahhlet f'*home* ghaliex baqghet sejra lura. [49] Issemmi kif saru diversi rapport l-Ghassa peress li l-imputata kienet tmur *"Tkellimha, tghajjat maghha u dawn l-affarijiet"*[50]. Murija *"Mandate"*[51] gharfet il-firma taghha fejn hemm indikat *"Attorney"* li saret id-dipartiment tas-servizzji socjali tal-Hamrun datata l-11 ta' Novembru, 2016; zmien <u>wara</u> l-perjodu indikat fl-imputazzjonijiet.

Il-Qorti osservat li waqt li x-xhud bdiet tixhed barra l-awla kien hemm Reginald James, li ma kienx msejjah bhala xhud izda li akkumpanja lix-xhud Spiteri. Il-Qorti tista biss tispekula dwar l-interess ta' James f'dawn il-proceduri li wara kollox irrizulta li hu <u>l-unika eredi</u> ta' Benna Agius![52]

Spiteri tkompli li Borg kienet tiehu hsieb Agius izda meta din bdiet tibki w riedet li jibda jiehu hsiebha James, bdew jiehdu hsiebha huma.[53] Madwar hames xhur wara li marru l-bank, haduha tghix maghhom f'Hal-Qormi biex ma jhallux li l-imputata tkompli tiffrekwentaha.[54] Is-*social workers* kienu jmorru jarawha Hal-Qormi wkoll peress li avzawhom b'din il-bidla fid-dar. Mill-pensjoni kienu jithallsu Casa Serena, filwaqt li hi kienet tiehu flus ghall-hrieqi, pilloli w bzonnijiet li kienu jindikawlha mill-*home* li ntghazlet mis-*social worker*.[55] Qabel ma ddahhlet go *home* kienet tigbed il-pensjoni kollha fuq struzzjonijiet ta' Agius

[47] Fol.685
[48] Fol.687-688
[49] Fol.613
[50] Fol.614
[51] Fol.85
[52] Fol.615-616
[53] Fol.617
[54] Fol.617-619
[55] Fol.620

biex minnhom jithallsu l-bzonnijiet taghha.[56] Spiteri tghid li huma kienu jghixu l-Msida izda biex haduha tghix maghhom marru jikru Hal-Qormi w minn dan kollu ma kellhom l-ebda gwadann; dikjarazzjoni li fil-fehma tal-qorti ftit ghandha mis-sewwa, kkunsidrat li Agius kienet barranija w hi, Spiteri, saret tafha biss mindu dahlet f'relazzjoni ma' James ftit snin qabel! Lejn tmiem ix-xhieda taghha w wara diversi domandi fir-rigward, tikkoncedi li mill-pensjoni kienet izomm madwar €200 fix-xahar u dan talli kienu qed jiehdu hsiebha *"Lili kienet tghidli ixtri xi haga ghat-tfal, jien fuq hekk nista nitkellem."*[57] Jidher li dak li ghamlu ghamluh bi skop ta' gwadann, izda jidher li dan sar bil-barka u bir-rieda tal-istess Agius, u b'konsegwenza ma jirrizulta li ma sar xejn illecitu.

Ghalkemm id-difiza fit-trattazzjoni minn taghha bhal donnu trid tghid li kif gara ma Spiteri kien gara mal-imputata, u cioe` li Benna Agius kienet tghaddi flejjes lil min jiehu hsiebha, hu propju hawn id-**differenza**. Fil-kaz ta' Spiteri kienet tghaddilha <u>flus kontanti</u>, indikazzjoni inekwivoka li Spiteri kienet <u>tirritorna flus lil Benna</u> wara li tghamel *withdrawals*. Ghall-kuntrarju fil-kaz tal-imputata meta kienet tuzaha ghall-spejjez personali, din kienet tuza l-*card* registrata fuq isem haddiehor u tuzaha minghajr ma ddahhal il-*pin number* izda billi <u>tiffirma hi</u> ghat-transazzjoni!!!

**Jacqueline Debattista**, bint it-tifel ta' Agius, ssemmi kif meta l-imputata tkun ser tohrog kienet titlobha toqghod ma ommha, Karmena, fejn gieli kien hemm ukoll Agius. Gieli Agius kienet taghti l-*card* taghha lil *Borg* biex tixtrilha xi bzonnijiet. Kienet tghidilha li *"jekk tkun trid tmur ghand il-beautician hallas minn hawn"* u *"jekk ikollok bzonn hu minn hawn ghalik"*.[58]

Ikkunsidrat li gie determinat li Agius thalliet abbandunata minn ulieda, li sussegwentement intesew ghal kollox fit-testment ta' Agius, ftit tista' tigbed kredibbilita` din it-testimonjanza ta' mart binha. Il-komportament ta' din ix-xhud u l-mod kif wiegbet ghad-domandi ma jhalli ebda dubbju dwar kemm din ix-xhieda kienet wahda priva mill-verita` intiza biss biex taggevola lill-imputata fid-<u>dikjarazzjoni assurda</u> taghha li mara anzjana, li l-ghixien taghha kien ghal kollox jiddependi fuq il-pensjoni, kienet herqana li tberbaqha biex taghmel tajjeb ghat-tbahrid u kappricci tal-imputata!

[56] Fol.622
[57] Fol.626
[58] Fol.840-841

Sidien ta' Negozji li fihom Borg uzat il-*card* ta' Benedetta Agius

**Anthony Buttigieg Scicluna,** *managing director* ta' Cosmed Pharmacy, gharaf l-imputata bhala Doris klijenta tal-ispizerija**.** Ikkonferma *ePOS (electronic Point of Sale) receipts* tal-HSBC **bil-firma tal-imputata**[59], li nhargu mill-ispizerija tieghu wara li l-imputata xtrat xi oggetti, izda ma jistax jghid x'inxtara.[60]

**Therese Farrugia**, *beauty therapist* u sid ta' Essence of Beauty, gharrfet lill-imputata bhala l-klijenta taghha[61] kif ukoll ikkonfermat numru ta' *ePOS chits* mahruga mill-istabbiliment taghha li gew **iffirmati minn l-istess imputata**.[62] Tghid li dawn inhargu ghall-servizzji w xiri ta' prodotti li ghamlet l-imputata fid-dati indikati fuqhom *"dawn huma l-mezz ta' pagament li ghamlet il-klijenta tieghi li hadet is-servizz … halset bi credit card li hija tal-bank HSBC"*, u tikkonferma li kienet l-imputata li hadet it-trattamenti li gew mhallsa bil-*card* ta' Agius.[63]

**Raymond Buhagiar**, *dealer* tal-karozzi bl-istabbiliment jismu Buhagiar Motors, gharaf lill-imputata bhala persuna li bieghilha Toyota Vitz *"dik partatnihilha ma' Vitz m'ohra, kien fadal tmint elef u hames mija (8,500) x'ittina,* ***tatna hamest' elef (5,000)*** *minnhom u kien fadal tlett elef u hames mija (3,500) …. Kollox bil-cash …. lilna dejjem bil-cash hallsitna bhala flus.".*[64] Spjega li x-*showroom* Buhagiar Motors, hi biss parti mill-kumpless tal-istabbiliment fejn ma ghandhomx fakolta` li jithallsu b' *cards,* izda hemm ukoll *petrol station* u *VRT centre* bl-isem Lourdes Service Station fejn jista' jsir hlas b' *cards*.[65]. Ix-xhud esebixxa numru ta' kambjali li jirrisalu ghal Dicembru, 2016, sat-23 ta' Frar, 2018, fejn l-ammonti huma ta' tlett pagamenti ta' €606.72, 4 hlasijiet ta' huma ta' €202.24, zewg pagamenti ta' €404.48 u l-ahhar wiehed ta' €600.[66]

Mill-Memorandum of Agreement esebit jidher li dan sar propju fit-**22 ta' Lulju 2016 fejn €5,000 minnhom kienu *payment on delivery*.** Id-dokument esebit a fol.150-151 jndika li bejn il-31 t'Ottubru, 2016, u l-1 ta' Gunju, 2018, b'kollox thallsu l-kumplament u cioe` €4,111.86 inkluz l-interessi ta' 8% u €105.80 *bank charges*[67].

[59] Ricevuti esebiti a fol.92
[60] Fol.129-130
[61] Fol.132-133
[62] Ricevuti u *bank chits* esebiti a fol.89-91
[63] Fol.133-134
[64] Fol.135-137
[65] Fol.137
[66] **Dok.RB** a fol.140-150
[67] Fol.152

Dan ixxejjen it-tezi tad-difiza li l-pagamenti ghall-vettura sar wara l-perjodu inkriminat, cioe` wara Ottubru, 2016, b'kambjali. Hu minnu li hekk gara izda dan sehh biss wara li l-imputata ghamlet ***down payment* ta' €5000 *cash* f'Lulju, 2016**, cirkostanza li d-difiza tipprova tnessi!!

Riprodott spjega li ricevuta ta' €270 kienet ghall-sett rimmijiet ta' vettura Toyota Vitz li kien biegh lill-imputata u €50, transazzjonijiet li saru fl-24 t'Awissu, 2016. Imbghad fit-22 ta' Lulju, 2017 l-istess jum li nxtrat il-vettura gdida, Borg hallset €645 ghall-*extras* fuq vettura li xtrat minghandu.[68] Dawn it-transazzjonijiet jidhru lkoll fl-*statements* bankarji tal-kont ta' Agius.[69]

**Priscilla Gialanze`** minn Gamblu Confectionery, Zabbar, gharrfet lill-imputata bhala klijenta tal-hanut imsemmi.[70] Esebiet ghadd ta ricevuti tal-*ePOS card*[71] li Borg kienet iffrmat fuqhom wara li ghamlet ix-xirja mill-hanut fejn intuzat il-*card* ta' Agius.[72]

**Lilian Brincat** minn Vision Opticians, Hamrun, esebiet riecvuta[73] ghal nuccali tax-xemx tad-ditta Opera Chic ghan-nisa, li thallas b'*card* tal-HSBC li fuqha hemm firma D. Borg.[74]

**John Farrugia**, *General Manager* ta' Alfsons Enterprises, gharraf *ePOS chits*[75] li juru xirjiet li fihom intuzat *card* li fuqhom iffirmat l-imputata, klijenta tas-supermarket taghhom.[76]

**Albert Sant** minn JB Stores ikkonferma li l-*ePOS chits*[77] ffirmati minn certu D. Borg kienu mahruga mill-istabbiliment tieghu; dawn kienu ghal 4 xugamani li swew €47.80, €30.50 u €54.14. Kollha thallsu minn *debit card*.[78]

**Emily Abela**, in rapprezentanza tal-Melita Limited, tispjega li *ePOS chits* li gew ffirmati minn D. Borg,[79] u li l-original taghhom inghatat lill-espert kalligrafiku

---

68 **Dok.RBX** a fol.723-725; **Dok.RBX1** a fol.720-722
69 **Dok.RV3** a fol.
70 Fol.173
71 **Dok.PG** a fol.175A-175B
72 Fol.174-175
73 **Dok.LB** a fol.356
74 Fol.353-354
75 Fol.281-283 li huma kopja tal-ePOS *chits* originali esebiti bhala dok.4 a fol.352 (kopja ohra a fol.347).
76 Fol.373-375
77 Fol.279
78 Fol.609-610
79 Fol.285 u 287

minn Global Payments Limited,[80] thallsu b'*card*. Dawn kienu jikkoncernaw hlas li sar fis-27 ta' Lulju, 2016 ghal **€52.91** u hlas fl-ammont ta' **€51.82** li sar fil-15 ta' Settembru, 2016. Iz-zewg hlasijiet saru fuq kont nru. 10535603 mizmum fuq certu Carmen Borg ghall-servizz fil-fond 52, Western, Triq Indri Cilia, Hamrun.[81] Il-Qorti tissottolineja li dan hu l-istess **indirizz tal-imputata**! Jirrizulta wkoll li Benedetta Agius qatt ma kienet abbonnata mal-Melita u b'hekk **qatt ma seta' kien minnu dak li stqarret l-imputata u cioe` li kienet hallset kontijiet ta' Agius mill-pensjoni taghha!** Lanqas ma gie muri li Agius kienet abbonata ma xi servizz iehor tat-television li setghet hallset ghalih Borg!

Apparti li fl-istqarrija taghha Borg tiddikjara li kienet thallas il-kontijiet tat-telephone u *television* ta' Agius, l-istess stqarrija turi bhala l-*mobile number* taghha n-numru **77043996, l-istess numru li ghalih thallsu l-kontijiet tal-Melita li ssemmew, kontijiet li huma ta' Borg mhux ta' Benna Agius.**[82]

In-**Nutar Pamela Mifsud Bonnici** gharrfet lill-imputata bhala klijenta taghha li darba marret ma Agius ghandha biex issir prokura. Wara li spjegat l-implikazzjonijiet ta' prokura lil Agius wahedha, din ma kienitx giet ffirmata.[83]

Ghalhekk b'din ix-xhieda **d-dikjarazzjoni ta' Borg li Agius riedet iddawwar garaxx ghal fuqha tigi zmentita,** tant li n-nutar tiftakar li lil Borg talbitha tohrog fi triq biex titkellem privatment ma Agius dwar il-prokura li kien intenzjonat li ssir; prokura li sussegwentement u wara li gie spjegat it-tifsir taghha lil Agius, baqghet ma saritx!

**In-Nutar Alison Camilleri Bowman** pprezentat testment li permezz tieghu Agius halliet eredi universali taghha lil certu Reginald James. Dan sar wara li Christianne marret ghandha w gharrfitha b'anzjana li xtaqet taghmel testment. Marret hi ghandha f'Hal-Qormi. **Apparti li kellha konferma minghand tabib li Agius kienet f'sensiha, tghid li accertat ruhha li kient qed issegwi.** Agius spjegatilha li riedet thalli lil James eredi peress li kien jiehu hsiebha. Qabel ma sar it-testment in-nutar kellmet lil Agius wahedha.[84] L-accertament min-nutar li Agius kienet qed tifhem, ikompli jaghti sahha ghall-fatt li meta sari r-rapport, Agius kienet f'sensiha, konsapevoli ta' dak li kienet qed tistqarr u tiddikjara,

[80] No.5 a fol.352, kopja a fol.348
[81] Fol.629-630. Vide **Dok.EA** a fol.632-633
[82] Vide fol.635 u 637
[83] Fol.850
[84] Fol.871-873

inkluz li ma kienitx awtorizzat spejjez personali ta' Borg, kif wara kollox hi stess irribatiet mal-imputata quddiem Scicluna![85]

Ix-Xhieda ta' Benedetta Agius

Ix-xhieda ta' Benedetta Agius ittiehdet permezz tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Portelli fit-18 ta' Lulju, 2018. Dr. Portelli giet infurmata mid-dirigenti tal-*home* fejn kienet qed tirrisjedi Agius li din bdiet tbghati mid-*dementia,*[86] fattur li johrog bic-cjar meta jigu kkunsidrati whud mir-risposti li taghti Agius li huma maqtugha mir-rejalta` fejn titkellem daqs li kieku l-genituri taghha kif ukoll zewgha kienu ghadhom hajjin!

Agius tghid li marret taghmel rapport ghaliex kienu *"Kienu jaqbdu mieghi .....jaqbdu mieghi. Jiggieldu u ma nitkellimx"*.[87] Il-pensjoni kienet tmur ghand xi gar taghha w l-flus taghha tghid li kienu johduhom ommha w misserha.[88] Malli rat lill-imputata riedet tghannaqa u semmiet li Borg kient thobbha, tiehu hsiebha, tmur tixtrilha w tghina, *"Kienet tkun sejra tixtri u tmur tixtrili"*.[89] Agius hi konfuza meta tibqa ssemmi li kien missierha li jaghtiha l-flus mill-pensjoni ghax hi ma kellhiex flus. Tichad li qatt bghatet lil Borg tigbdilha flus mill-bank *"Le qatt ma gabitli flus mill-bank"* u wara miet missierha *"hadd ma kien igibli xejn"*. Terga' tghid li ghamlet rapport *"ghax qabbdu mieghi jiggieldu...Ghax qabbdu mieghi"*.[90] Agius tghid li kienet biss l-imputata li kienet iddur biha *"Dorothy biss. Lanqas niesi, abbandunawni"* filwaqt li kienet taf min huma persuni bil-laqam 'tal-Bomba' u tghid li qatt ma kellmet avukat.[91] Agius tichad li Borg haditilha xi flus, *"X'haditli l-flus....hafna gideb"* izda issemmi li gieli bghatet lil Borg tixtrilha l-pilloli w flus kienet ittiha mill-pensjoni.[92] Dwar dawk tal-Bomba tghid li qatt ma gabulha flus *"jien ma kontx nafdahom...hallelin kienu"* filwaqt li l-imputata qatt ma talbitha flus talli kienet iddur biha *"Il-flus kienu spiccaw...Ma naf li ghandhi xejn"*. Tichad li tatha *card* tal-bank u tghid li ma tafx li ghandha *card*! [93]Agius tikkonferma li kienet tmur ghand l-imputata w ommha li kienu jittimawha w jiehdu hsiebha tant li Borg kienet tohrogha bill-karozza. Agius tul

[85] Fol.359
[86] Fol.160A
[87] Fol.160C-160D
[88] Fol.160E
[89] Fol.160D, 160F
[90] Fol.160G
[91] Fol.160H
[92] Fol.160I
[93] Fol.160J

ix-xhieda riedet lil Borg tmur tpoggi hdejha w tghid li l-Madonna bghatitilha![94] Agius ma tafx il-bank bl-isem HSBC izda Mid-Med, l-isem precedenti kif kien maghruf il-bank ta' quddiem il-pjazza fil-Hamrun. Tirrakonta li Borg kienet tmur tixtrilha bzonnijiet wara li ttiha flus hi biex tixtri, u gieli tawha x'tiekol ukoll.[95] Tichad li qatt ffirmat xi karti jew fethet kont il-bank, u murija *credit card* tghid li ma kellhiex *cards*, meta l-fatti wrew mod iehor.[96] Il-flus mill-bank kien ihaddimhom zewgha li kien joqghod attent u wara hi kienet tmur il-bank.[97] Tghid li ma tafx kif spiccat f'*home* u lejn tmiem ix-xhieda taghha riedet terga' tmur mal-imputata *"Ix-xhud kienet agitata hafna u mbikkma meta l-imputata giet biex tohrog."*.[98]

In-nuqqas ta' forza probatorja ta' din ix-xhieda tirrizulta wkoll mill-konkluzzjoni maghmulha mill-espert psikjatriku **Dr. Joseph Cassar** li ezamina lil Agius fit-30 ta' Lulju, 2018. Dr. Cassar jghid li din l-anzjana tbghati minn *dementia* severa, fejn m'hiex xhud kompetenti u li wiehed ma jistax jistrieh fuq dak li tghid.[99] L-abbli espert jispjega li mhux kull *dementia* tkun ila fuqek qabel ma tiggrava ghax hemm diversi tipi. Tibda billi wiehed jinsa xi affarijiet insinifikanti w gieli jghaddu sena sentejn qabel wiehed jirrejalizza li dan hu dovut ghad-*dementia*.[100] Jinnega dak suggerit lilu mid-difiza li jkun hemm tahwid fil-hsibijiet ta' persuna bid-*dementia*, *"hawn min kiteb ktieb bid-dementia"*. Meta ezaminha lil Agius din kienet qisa mhiex f'dinja, *"indifference"* izda l-mod ta' kemm tipprogressa d-*dementia* jvarja bejn 3 u 15 il-sena.[101]

L-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha taghmel numru ta' osservazzjonijiet fuq il-piz li din il-Qorti ghandha taghti lix-xhieda ta Agius li kienet afflitta mid-*dementia*

Mhemmx dubbju li din il-Qorti ma tista' qatt tistrieh fuq ix-xhieda ta' Agius moghtija lill-Assistant Gudizzjarju. Hi xhieda ghall-kollox inkoerenti w maqtugha mir-rejalta` kif jidher meta tibqa taghmel riferenza ghall-missierha w zewgha bhala dawk li kienu jaghtuha l-flus, meta dawn kienu ilhom snin twal mejtin. Tichad li kellha xi *cards* tal-bank jew kont bankarju meta l-provi

[94] Fol.160K
[95] Fol.160L
[96] Fol.160M
[97] Fol.160N
[98] Fol.160P
[99] Fol.209
[100] Fol.816
[101] Fol.817

juru mod iehor. Dan minkejja li tikkonferma l-isem tal-bank bhala l-Mid-Med u li Borg kienet taqdiha.

Ghall-kuntrarju, ma tezisti l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tiddubita mill-fatt li Agius kienet taf x'qed taghmel meta **zmien qabel** marret l-ghassa taghmel rapport li l-kont taghha kien safa' zvujtat. Hi Agius li ssemmi li kienet taghti l-*card* taghha lill-*care worker* u lill-imputata biex jigbdu flus tal-pensjoni mill-bank: fatt ppruvat in kwantu ghal Borg kif anke tikkonferma Mary Camilleri; hi Agius li ssemmi kif kien sar depozitu ta' €9,000 minn *insurance policy* fil-kont taghha: fatt ppruvat; hi Agius li qalet lill-pulizija kif Dorothy kienet tinsisti biex tiehu hsiebha: fatt ippruvat, kif anke gie ppruvat il-fatt li Borg hadet lil Agius ghand nutar biex issir prokura w meta gie spjegat lilha x'kien iffisser li taghti prokura, din ma saritx!;[102]hi Agius li nfurmat lis-Surgent Cassar li Borg xtrat karozza gdida: fatt ppruvat.[103]

Dawn il-fatti juru li fi zmien li sar ir-rapport Agius kellha l-kapacitajiet mentali taghha ntatti; kienet konsapevoli ta' dak li kienet qed tistqarr hekk kif dejjem sahhqet li fil-kont taghha kellha flus bizzejjed biex ikollha ghall-funeral, u kemm bkiet meta ndunat li dawn kienu ghosfru.

Fil-fehma tal-Qorti, prova ohra dwar kemm Agius kienet ghadha kapaci ssegwi w tifhem dak li kien qed issehh, u konsegwentement, kemm kienet taf x'qed taghmel fiz-zmien meta ghamlet rapport li giet misruqa, hu dak mistqarr min-Nutar Pamela Mifsud Bonnici. In-Nutar issemmi kif wara li Agius flimkien ma Borg marru biex isir prokura fuq Borg, <u>wara li n-nutar fehmet lil Agius il-konsegwenzi ta' talli att, din il-prokura ma saritx</u>. *Multo magis*, ix-xhud mtella' mill-istess difiza, in-Nutar Alison Camilleri Bowman tixhed li meta Agius ghamlet it-testment taghha f' Jannar, 2017[104], mhux talli kellha f'idejha <u>certifikat tat-Tabib Mario Scerri li Agius kellha l-kapacitajiet mentali taghha sabiex taghmel dan l-att</u>, izda sahansitra **hi stess accertat ruha li Agius kienet qed isegwi dak li kien qed jigi spjegat lilha**.[105]

Konferma ohra dwar l-istat mentali ta' Agius tasal minn Anne Scicluna li tixhed li kienet tikkomunika sew ma Agius ***"L-anzjana kienet orrajt jigifieri…. Meta jien kont inkellimha tajjeb kienet,*** *infatt per ezempju meta inqala dan …d-dizgwit f'Ottubru ..Tat-2016. Meta kien inqala dan id-dizgwit jigifieri,* <u>*l-anzjana l-izjed li kienet titbaqbaq ghax qalet li kien kellha xi flus allokati ghall-funeral u meta qalulha li fil-bank ma ghandha xejn bdiet tibki u filfatt fit-triq taghhom stess kien joqghod tal-*</u>

[102] Fol.119
[103] Fol.119
[104] Fol.867 et seq
[105] Fol.873

*funerali u ghajtulu dak il-hin u qal iva dejjem hekk kienet tghid li jaghmilli funeral bhal ma kellu r-ragel tieghi."*[106]

Imbghad mill-*medical records* ta' Casa Serena esebiti[107] jirrizulta li *"Pt able to hold a conversation"*[108] u ghalkemm bdiet bid-*dementia,*[109] din aggravat biss fl-2018[110] meta wara kollox ittiehdet ix-xhieda taghha w giet ezaminata minn Dr. Cassar. Finalment mill-CommCare Assessment jirrizulta wkoll li bhala *'Psychological State'* Agius giet indikata bhala ***"fully oriented".***[111]

L-abbli difiza, fit-trattazzjoni taghha, tattribwixxi hafna importanza ghall-fatt li Agius wehhlet f'Borg li serqitilha l-pilloli meta dan ma kienx minnu; konsegwentement tqis li daqstant iehor kienet konfuza Agius meta wehhlet f'Borg li kienet qed tisraqha. Il-Qorti ma taqbilx! Fl-ewwel lok mhux haga straordinarja li persuna tinsa ghall-mument fejn ikun thalla jew tpogga' oggett li wara ma jinstabx fil-post tieghu, anzi hi okkorenza li fil-hajja kwotidjana nostrana taf tigri lil kull wiehed minna. Izjed w izjed meta jigi kkunsidrat li dan l-incident gara propju fil-jum li kien sar ir-rapport l-ghassa aktar kmieni filghodu! Fil-fatt dan jirrizulta cjar mill-*current incident report* fejn jinghad li kienu xi 3pm meta Tanya Fenech Scerri, *nurse* mal-*community care,* infurmat lill-pulizija b'dak li kienet qaltilha Agius[112] li giet deskritta bhala *"Client is very disturbed and anxious due to the claimed robbery".*[113] Mhemmx dubbju li okkorenza simili hallitha dizorjentata w mfixxkla; kienet qed tibki, mdejjqa w mbezza li lanqas flus ghall-funeral taghha ma kien fadlilha. Hekk kif ma sabitx il-pilloli, wehhlet ukoll f'Borg; wara kollox kif jghidu, 'l-kelb il-mismut kull ilma jahsbu mishun'!

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, **m'hemmx dubbju li meta Benedetta Agius ghamlet rapport l-ghassa li sfat misruqa wara li ghaddiet il-*card* tal-kont taghha, hi kellha l-kapacita` mentali rikjesta. Sabet li giet misruqa w ghalhekk ghamlet rapport w indikat f'min kellha suspett**. Huwa inutli li wiehed jipprova jattribwixxi xi rwol lil Reginald James jew lil Spiteri biex issir rapport, biex jitqanqlu dubbji dwar il-mottiv wara r-rapport, kif taghmel id-difiza fis-sottomissjonijiet orali taghha. Gja ntqal li kienet is-*social worker* Anne

---

[106] Fol.359
[107] **Dok.SS** a fol.657 et seq
[108] Fol.657
[109] Fol.665
[110] Fol.667
[111] Fol.707
[112] Fol.120
[113] Fol.710

Scicluna li tat parir li jsir rapport,[114] u fuq kollox, li jkollok interess ma jnaqqas xejn mill-kompetenza jew rilevanza ta' xhud. Tant hu hekk li l-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali. Bl-argument taghha id-difiza - anke kieku kien minnu li James instiga lil Agius tmur l-ghassa, fatt kuntrarjat minn Anne Scicluna - tasal biex b'konsegwenza jitnehha d-dritt li ghandu kull cittadin li jaghmel rapport, denunzja jew kwerela skond kif ravvizat bl-artikolu 546 tal-Kodici Kriminali!

Il-fatt li Agius forniet ghadd ta' dettalji ohra lis-Surgent li lkoll gew ikkonfermati minn provi ohra,[115] jimmanifesta li din il-mara kienet f'sensiha, u ghalhekk ma hemm xejn li jista jwassal lil din il-Qorti biex tikkondividi t-tezi tad-difiza li l-istess Agius kienet konfuza jew li kienet insiet li kienet tghid lil Borg thallas ghall-kapriccji taghha mill-unika ghejjun ta' fondi li kellha! Xi haga li tisfida l-logika w l-buon sens kkunsidrat li **kienet biss il-pensjoni mensili ta' €572 li Benedetta Agius kellha ghall-ghixien taghha.**

Xhieda ta' Doris Borg

L-imputata **Maria Dolores Borg** ghazlet li tiehu l-pedana tax-xhieda. Bdiet tiehu hsieb Agius wara li talbitha taghmel dan mart it-tifel ta' Agius. Fil-presenza ta' mart binha, Agius tatha l-*pin number* u l-*card* biex tibda tigbed il-flus. Il-*card* dejjem ghand Agius baqghet u kienet itihilha meta jkollha bzonn il-flus, li kienet itihomlha malli tigi lura anke quddiem il-*carer* Mary.[116] Kienet taqdiha, tixtrilha, tahslilha l-hwejjeg u ttiha tiekol. Qatt ma thallset ghal dan ix-xoghol *"qatt ma hadtilha penny"*.[117] Wara li akkumpanjat lil Benedetta ghand in-Nutar Pamela Mifsud Bonnici w indunnat li Agius riedet iddawwar garaxx ghal fuqha, irrifjutat u minflok Agius qaltilha biex jibqghu sejrin jaghmlu pagament fuq il-vettura. Kienet anke tghidilha tuza l-*card* taghha ghand il-*beautician* bhala pagament ghal li kienet taghmel maghha; dan ghamlitu quddiem certu Doris u Jacqueline.[118]

Tghid li kienet Mary il-*carer* li qaltilha li hemm mara *"probabbli minn tal-Bomba"*.[119] Izda in kontro-ezami, l-istess Mary, meta mitluba tghid jekk Agius kienitx imbezza minn xi hadd 'tal-bomba' jew qatt kienitx semmietu tghid *"le qatt ma rajtu"*[120], indikazzjoni cara li Mary qed tirreferi ghal ragel minghajr ma

[114] Fol.358
[115] *Supra*, fol.18
[116] Fol.830-831
[117] Fol.832
[118] Fol.833
[119] Fol.834
[120] Fol.824

tindika li kienet hi stess li gibdet l-attenzjoni dwaru jew dwar xi mara lill-imputata!

L-imputata tghid li meta darba fost l-ohrajn sabet il-familja tal-Bomba id-dar ta' Agius cemplet lis-*social worker*. Fatt iehor li jibqa mhux komfortat bl-ebda provi tenut kont li kienet is-*social worker* Tanya Fenech Scerri li giet mgharrfa li Agius kienu naqssulha l-flus mill-bank![121]

Skond Borg, il-*care worker* kienet taghmel sa xi 11am u gieli sas-1pm ghand Agius. Wara li titlaq Agius kient tara lil min issib biex jidhol joqghod ftit hdejha. Ma baqghetx tghix il-Hamrun ghaliex 'tal-Bomba' bdew jhedduha w tixhed li dwar dan saru rapport;[122] dawn baqghu ma ngabet l-ebda prova dwarhom.

Tajjeb li jigi kkunsidrat dak li ddikjarat Borg fl-istqarrija taghha.

Stqarrija tal-imputata

Fl-istqarrija[123] taghha Borg tghid li tghix bir-*relief ta'* €754 mensili, ma ommha fl-istess triq ta' Agius, li wara li ghamlitilha r-rapport mal-pulizija, ma rathiex izjed. Ikkonfermat li kienet stqarret mal-pulizija li kienet tiehu hsieb lil Benna (Agius) *"li kemm il-darba taghtik il-karta ta' kreditu taghha u ghidt ukoll li Benna kemm il-darba kienet mieghek u qaltlek biex thallas biha"*.[124]

Mitluba tispjega l-hlas li sar lil Lourdes Service Station tghid li wara li habtet bil-vettura taghha, Benna qaltilha thallas ghall-hsarat minn flusha *"Ma nafx kienitx taghtomli jew mortx nigbidhom bil-card"* izda dlonk wara tammetti li f'Lulju, 2016, partet il-vettura li kellha ma wahda gdida. Ma kienitx kapaci tghid fejn sewwietha minkejja li l-habta saret ftit xhur qabel tenut kont li l-istqarrija ttiehedet f'Dicembru, 2016! Ikkonfrontata bil-fatt li Lourdes Service Station ma jsewwux vetturi izda jbieghhom, u b'hekk kienet qed thallas id-dejn tal-vettura gdida mill-kont ta' Agius twiegeb li Agius riedet ittieha garaxx u meta hi ma accettatx, qaltilha thallas bil-card taghha. Meta l-ispettur jghidilha li Agius innegat dan, twiegeb li ghandha x-xhieda. Iktar importanti minn hekk, meta mitluba tghid x'kapricci aktar ghamlet minn flus Benna, ghall-ewwel issemmi tal-*beautician* u ta' Raymond tal-karozzi izda meta l-ispettur jerga' jfakkarha li

[121] Fol.708
[122] Fol.836
[123] **Dok.RV8** a fol.104-104
[124] Fol.105

Agius nnegat dan l-imputata qaltlu ***"Ghidli ara x'hemm u naghtiha kollox lura. Tressaqnix lejn il-Qorti".***[125]

Borg tghid li l-*pin number* taghtulha Agius li kienet tghidilha tigbed il-flus biex thallas lill-kumpanija tal-*care workers* u t-tabib, izda meta l-ispettur jsemmi li f'erbat ijiem bejn is-16 u l-20 ta' Lulju, 2016, gibdet aktar minn €2,400 **tammetti li hadtithom ghaliha!** Tkompli li s-€600 mensili kienet tigbidhom biex thallas lil *care workers*, is-servizz tat-*telecare*, kontijiet tat-telephone, *television*, tad-dawl u l-ilma. Issemmi li kienet tixtrilha minnhom il-bzonnijiet kwotidjani u medicini.

**Madanakollu tibqa ma toffri l-ebda prova biex tissostanzja dan,** anzi mill-provi – kif ser jintwera – jirrizulta li l-hlasijiet kienu saru biex jithallsu **kontijiet ta' Borg u ommha!** Dan il-fatt jakkwista rilevanza anke in kwantu ghall-oneru ta' prova mistennija minn persuna imputata b'reat ta' riciklagg.

Borg tasal tiddikkjara li ma kienitx taf li ma steghtex tiffirma f'isem Agius *"nahliflek ma kontx naf"* ghalkemm tikkoncedi li qatt ma halliet xi hadd jiffirma f'isimha bil-*card* taghha kif ghamlet hi bil-card ta' Benna Agius! Mitluba tispjega kif setghet tixtri vettura b'pagamenti ta' €645 mensili tghid li flus kellha ghaliex kienu gejjin minn wirt ta' misierha filwaqt li *"Benna taghtini l-flus"*. Imbghad meta tigi kkonfrontata li mill-kont ta' Benna ingibdu aktar minn €19,000 tghid li ma hadithomx kollha hi, anzi hi kienet taghtihomlha w Agius kienet taghmilhom f'portmoni iswed.[126]

Fl-ahhar tal-istqarrija taghha meta tigi mistqosija kemm lesta tirrifondi lil Benna Agius tistqarr *"Mhux €19,000.* ***Ara x'hadt jien ghalija u naghtihomla.*** *Imma lanqas huwa sew ghax* ***dak li ghamilt maghha kien ta' xejn".*** Meta l-ispettur jistaqsi jekk kieneitx qed tippretendi hlas ghal dak li ghamlet maghha, l-imputata terga' ***"Ma nahsibx li se naghmel ta' xejn".***[127]

Din id-dikjarazzjoni ta' Borg turi b'mod mill-aktar cjar kif l-imputata kienet qed iddur b'Agius biex tiggwadanja minn fuqha w ma kien hemm l-ebda volontarjat involut kif sostniet *a tempo vergine* mas-Surgent Cassar, wara li skond hi hajjarha taghmel dan il-Kappillan!!

Konsiderati l-provi w c-cirkostanzi tal-kaz, fil-fehma tal-Qorti l-istqarrija ma ghandhiex mis-sewwa w mill-buon sens! Difficlment jigi emnut li mara anzjana li tiddependi ghal kollox fuq il-pensjoni kienet ser tawtorizza lill-gara taghha

---

[125] Fol.106
[126] Fol.106
[127] Fol.107

thallas ghall-spejjez personali, inkluz trattamenti ta' sbuhija, tiswijiet jew xiri ta' vettura, nuccali, zraben, *parking sensors* etc minn flusha. Li kien minnu li riedet tghaddi xi flus lil Borg minn *withdrawals* li din tghid li kienet taghmel f'isimha, setghet facilment tghaddi dawk l-ammonti minn zmien ghal zmien lill-imputata fi flus kontanti, minn dawk li kienet tigbdilha mill-bank. Izda minflok insibu dikjarazzjoni wara l-ohra li kienet Agius li kienet tawtorizza tuza l-*card* taghha w sahansitra tigbed ammont ta' €2,400 biex Borg tixtri vettura ***"Iva dawk gbidthom jien ukoll. Fil-kaz nizzilhom fuqhi wkoll."***.[128]

Ikkunsidrat,

A. Il-Qorti tissottolineja kif l-imputata naqset milli tissostanzja dak li tixhed dwaru jew dak li tenniet fl-istqarrija taghha. Ma ngabu l-ebda provi biex jikkoroboraw, mqarr remotament, id-diversi asserzjonijiet maghmulha minnha, anzi l-provi kkontradixxew dak li stqarret fuq il-pedana tax-xhieda kif ser jigi muri.

i. Filwaqt li l-imputata ssemmi li sarulha ghadd ta' theddid li dwarhom saru rapporti l-ghassa, l-unika rapport ta' theddid jirrizulta li sar propju mill-imputata nnifisha fil-konfront tax-xwejha kif jixhed il-*current incident report*![129]

ii. L-uniku xhud li permezz taghha sar tentattiv sabiex jigi korroborat dak allegat minnha li Agius kienet tghidilha taghtiha l-*card* biex thallas ghall-bzonnijiet taghha, hi Jacqueline Debattista li tixhed li tigi mart iben Agius. Mary Camilleri ukoll tghid li gieli rat lil Agius tghaddi l-*card* lil Borg biex ggibilha l-flus, xi haga li gja giet kkonfermata minn Agius innifisha.

Issa filwaqt li l-*care worker* Mary **Camilleri ma ssemmi mkien li Agius kienet tghid lil Borg tuza l-*card* taghha ghall-xirjiet personali (ta' Borg)**, dwar ix-xhud Debattista ma jridx jintnesa li din hi mart dak li <u>originarjament kien,</u> flimkien ma ohtu, l-eredi universali tal-genituri tieghu skond it-testment esebit datat Settembru, 2011,[130] kif rega' gara bit-testment maghmul f'Novembru 2013.[131] Bis-sahha tat-testment maghmul f' Dicembru, 2015, l-istess binha, Joseph Agius, sar *"l-uniku eredi universali u assolut taghha"*[132] izda f'Jannar 2017,

---

[128] Fol.106
[129] Fol.120
[130] **Dok.PMB** a fol.852-855
[131] Fol.856-
[132] Fol.862

Agius – li kienet issemmi kif uliedha abbandunawha - biddlet it-testment biex Reginald James sar *"l-eredi universali taghha, propjetarju u padrun assolut tal-gid kollu taghha,"*[133] u wliedha inqatghu l-barra.

Ghalhekk ix-xhieda ta' Debattista li l-Qorti kellha okkazzjoni tevalwa l-komportament taghha w senjatament kif wara domanda diretta u kjarament xejn anqas minn *a leading question*[134] per eccelenza (dwar il-mawriet ta' Borg ghand il-*beautician),* din tghid li Agius kienet tistedina thallas bil-*card* taghha il-*beautician* u kull meta jkollha bzonn!! Xhieda li ma kkonvinciet xejn lill-Qorti li ghandha mis-sewwa.

iii. Borg tghid li *"qatt ma hadtilha penny"*[135] filwaqt li fl-istqarrija tiddikjara ***"Ghidli ara x'hemm u naghtiha kollox lura. Tressaqnix lejn il-Qorti";*** [136] ***"Iva dawk jien gbidthom ukoll. Fil-kaz nizzilhom fuqi ukoll. Dawk hi qaltli nigbidhom ghalija"***[137] u ***"Ara x'hadt jien ghalija u naghtihomla.*** *Imma lanqas huwa sew ghax* ***dak li ghamilt maghha kien ta' xejn"***[138]**.**

iv. In-Nutar Mifsud Bonnici mhux talli ma kkonfermatx anzi nneggat li Agius marret ghandha biex iddawwar garaxx fuq Borg kif l-istess Borg tixhed, izda tghid li marru ghandha biex issir prokura fuq Borg, u wara li spjegat xi jfisser dan l-att lil Agius, il-prokura ma saritx. Hawnhekk **jidwu kliem Benedetta Agius lis-Surgent Cassar dakinhar tar-rapport meta qaltlu kif Doris Borg kienet tinsisti biex tiehu hsiebha!**

v. Minn imkien ma jirrizulta, kif tghid Borg, li l-*carer* infurmatha b'mara 'tal-Bomba'[139]. Anzi filwaqt li Borg tireferi ghal mara, l-impressjoni ta' Mary hi li kienu qed jitkellmu dwar ragel *"le qatt ma rajtu"*.[140] Wisq anqas ma tikkonferma li Agius kienet imbezza minnhom. Mhux talli hekk, izda jirrizulta li Agius ghamlitu l-eredi universali taghha ghaliex kif qalet lin-Nutar Camilleri Bowman meta kellmitha wahedha, huma kienu jiehdu hsiebha!

---

133 Fol.868
134 Fol.839-840
135 Fol.832
136 Fol.106
137 Ibid.
138 Fol.107
139 Fol.834
140 Fol.824

B. Inkonsistenzi simili u sahansitra evidentement inveritjieri wara li baqghu ma gew sostnuti bl-ebda provi, gew skontrati anke wara li giet kkunsidrata l-istqarrija moghtija minn Borg lill-ufficjal investigattiv:

i. Ghalkemm Borg tghid li ma kellhiex bzonn flus Agius ghaliex wirtet minghand missierha w il-*partner* taghha[141], **ma ngabet l-ebda prova dwar dan.**

ii. Lanqas ma ngabu xi xhieda biex jikkonfermaw li Agius kienet qaltilha biex ssewwi l-vettura billi tuza l-*card* taghha, ***card* li wara kollox setghet tiffirma biss ghaliha l-istess Agius** li f'isimha kienet mahruga!

iii. Baqghet ma ngabet l-ebda prova li Agius qalet lil Borg issewwi hsarat fuq il-vettura taghha, kif stqarret mal-ispettur Vella u mas-Surgent 267 Cassar *a tempo vergine* meta sahansitra qaltlu li kienet laqtet il-fanal.[142]

Minn imkien ma jirrizulta mqarr li Borg habtet bil-vettura w kissritilha l-fanal. Lanqas kienet kapaci taghti informazzjoni fejn saru dawn it-tiswijiet, u bir-ragun galadarba din kienet biss hrafa biex tipprova taghti spjegazzjoni ghall-uzu tal-*card* ta' Agius.

Prova ohra dwar kemm dak li stqarret Borg ma ghandux mis-sewwa meta ma kienitx kapaci tirrispondi fejn sewwiet il-vettura, tigi minn Buhagiar meta jixhed li Lourdes Service Station, fejn intuzat il-*card,* <u>ma jaghmlux xoghlijiet ta' tellar</u>. Anzi jixhed li <u>€645 intuzaw biex jigu mhallsa *extras* </u>kif tixhed l-ircevuta[143], mahruga **fl-istess jum li sar il-bejgh tal-vettura FCJ726** kif jixhed il-Memorandum of Agreement tal-bejgh datat it-22 ta' Lulju, 2016.[144]

iv. Mhux talli hekk izda skond l-istess Raymond Buhagiar minbarra il-hlas ta' €645 nefqet ukoll €270 (*car extras, part of alloys & sensors & chip of radio*)[145] u €50 ntefqu ghall-*parking sensors*![146]

v. Gidba ohra da parti ta' Borg hi li kienet thallas xi kontijiet ghal Agius. Mhux talli **ma ngabet l-ebda farka ta' prova dwar dan** – <u>kuntrarjament kif ghamlet Spiteri li kellha diversi kontijiet x'turi li hallset ghal Agius</u> - anzi l-

141 Fol.106
142 Ibid.
143 Fol.721
144 Fol.152
145 Fol.722
146 Fol.718. **Dok.RBX** a fol.723-725; **Dok.RBX1** a fol.720-722

kontijiet li **jirrizulta li hallset Borg kienu ta' ommha w tal-mobile taghha registrati mal-Melita**!![147]

vi. Tinqabad f'kontradizzjoni ohra meta fix-xhieda taghha *viva voce* tghid li kienet mart it-tifel ta' Agius li offrietilha tibda tiehu hsieb Agius[148] izda filwaqt li Agius kienet qalet lis-surgent li kienet l-imputata li nsistiet biex tiehu hsiebha[149], *a tempo vergine* tistqarr mas-Surgent Cassar li kien il-Kappillan li heggigha taghmel volontarjat!![150]

vii. Borg tixhed li Agius qaltilha biex minghand in-nutar jibqghu sejrin jaghmlu pagament fuq il-vettura. Li kieku dan kien minnu ghaliex ma dahhlitx il-*pin* Agius biex issir it-transazzjoni jew iffirmat hi stess fuq il-*POS chit*??

B'hekk jigi muri kemm dak mistqarr minn Borg hu nveritjier, m'ghandux mis-sewwa w hu ntiz biss bhala tentattiv fjakk biex tevadi l-konsegwenzi tal-ghemil kriminuz taghha! Min jghid il-verita` ma jinqabadx f'gideb u ma jbiddilx verzjonijiet!

Stabbilit li Doris Borg ghamlet uzu mhux awtorizzat mid-*debit card* ta' Benedetta Agius, imiss issa li jigu kkunsidrati l-provi dwar l-uzu li effetivament sar minn din il-*card*.

Ikkunsidrat,

Provi Saljenti

Gie soddisfacentement ippruvat li Borg **uzat *card* mahruga f'isem persuna ohra, Bernardette Agius, ghall-uzu taghha**. Hi l-istess Agius stqarret *a tempo vergine* li kienet tghaddi il-*card* taghha lill-imputata biex tigbdilha l-flus mill-bank[151] filwaqt li Borg ma tichadx li kienet tuza l-*card* ta' Agius izda ssostni li dan kien bil-kunsens ta' Agius. Dan il-fatt – li Agius ikkonsentiet ghall-ispejjez ta' Borg - gie michud b'sahha minn l-istess Agius quddiem ix-xhud Scicluna,

[147] Vide numru indikat fl-istqarrija (fol.104) u n-numru fuq il-kontijiet tal-Melita li thallsu mill-card ta' Agius (fol.635 u 637)
[148] Fol.831
[149] Fol.119
[150] Fol.119
[151] Fol.119

fejn mill-ewwel u b'sahha nneggat dak li sostniet Borg w insistiet li qatt ma qaltilha tuzaha ghall-kapricci taghha.[152]

Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-imputata tenut kont li fuq kull *debit card* l-***authorised signature*** **hi biss tas-sid tal-kont li fuqu tkun mahruga l-*card***. Kif tammetti l-imputata stess, hi qatt ma ppermettiet xi hadd jaghmel uzu mill-*cards* taghha! Altru` kienet taf li fuq min tkun mahruga l-*card* biss jista' jiffirma ghall-transazzjonijiet maghmulha permezz taghha!

Fil-fatt il-care worker Mary Camilleri ssemmi biss kif gieli rat lil Agius taghti l-*card* lill-imputata biex **tigbdilha ammont ta' flus**.[153] **Imkien ma ssemmi li kienet tghidilha taghmel uzu mill-*card* daqs li kieku kienet taghha**! Anzi malli kienet itiha l-flus Agius kienet dlonk iddahhalhom go portmoni iswed u tahbih! **Altru` li ma kienitx tafda lil Borg bi flusha kollha.**

- Analizi tal-kont ta' Agius

Minn analizi tal-*Statements* ta' Benedetta Agius johrog *pattern* dwar kif kienet thaddem il-kont taghha mill-ftuh tieghu fl-2012.

Tul dawn is-snin kien hemm *pattern* ta' *withdrawals* ta €600 fix-xahar jum jew tnejn wara li tkun giet depozitata l-pensjoni; liema ***withdrawals*** **saru dejjem mill-ATM tal-Hamrun, HSBC branch.**

Pero` minn analizi ta' dawn il-kontijiet, irrizulta li kien biss fuq medda ta xhur bejn Lulju w Ottubru 2016 - **fil-perjodu inkriminat - li saru transazzjonijiet anke minn stabbilimenti varji –** dawk fejn iffirmat ghalihom l-imputata.

Interessanti wkoll li f'dan il-perjodu -

(i) ghall-ewwel darba saru dawn it-transazzjonijiet permezz minn *ePOS* f'certi hwienet u stabbilimenti; u

(ii) saru *withdrawals* minn ATMs f'Haz-Zebbug[154] u Marsascala[155] meta tul is-snin precedenti *withdrawals* saru minn ATM tal-Hamrun branch biss u meta *withdrawal* kien issir darba jew tnejn biss fix-xahar.

Mhemmx dubbju li **bejn Lulju w Settembru, 2016, l-uzu ta' transazzjonijiet permezz ta' ATM sploda w infirex,** fejn *withdrawals* bdew isiru iktar **frekwenti**

---

152 Fol.359
153 Fol.823
154 Fol.76
155 Fol.73 u Fol.72

**u f'xulxin, u fejn ma baqax limitatat ghal ATM tal-Hamrun HSBC *branch* izda il-*card* ta' Agius ntuzat f'ATMs u hwienet diversi, xi haga li qatt ma saret sa mill-ftuh tal-kont bankarju taghha.**

**John Galea**, mill-HSBC, ikkonferma[156] l-*statements* u listi ta' transazzjonijiet li saru minn certu D.Borg, liema dokumenti kien ghadda lill-ufficjal investigattiv.[157] Analizi tal-kontijiet u senjatament mill-*statements* esebiti[158] juru li sa mill-2012 meta nfetah il-kont, id-*deposits* kienu jqarrbu il-*withdrawals*:

- Fl-2012 sa 2013 saru €15,910 f'*deposits* u *withdrawals* ta' €15, 820;[159]
- Fl-2013 sa 2014 saru €8,755.75 f' *deposits* u nhargu €8,840 f' *withdrawals;*[160]
- Fl-2014 sa 2015 saru €8,928.31 f'*deposits* u €8,830.00 f' *withdrawals;*[161]
- Fl-2015 sal-20 t' Ottubru, 2016 saru €19,184.49 f'*deposits* u €19,280.52 *withdrawals*[162].

Din il-qabza fl-ammont ta' depoziti hi attribwita ghall-depozitu ta' €9,038.02 li sar minn Global Asset Management fl-14 ta' Lulju, 2016.[163] Ezatt kif semmiet Agius mas-Surgent u cioe` li kienet irceviet flus minn *insurance policy* propju fl-14 ta' Lulju, 2016.[164] **U mela ma kienitx f'sensiha Benedetta Agius**!!
L-abbli difiza fit-trattazzjoni taghha tittenta tqajjem dubbju dwar l-ammont li Agius kellha mfaddal fil-kont taghha. Hu minnu li l-pensjoni kienet tingibed kollha. Dak li tipprova tiskarta d-difiza hu l-fatt li f'Lulju, 2016, qabel ma bdiet l-*spending spree* tal-imputata bil-*card* ta' Agius, kienu dahhlu fil-kont taghha disat elef ewro li minnhom Agius kellha pjan tuzahom ghall-ahhar vjagg taghha fuq din l-art!

- Transazzjonijiet li saru minn *ePOS* minn 'D. Borg'.

Ta' interess huma l-lista ta' transazzjonijiet li saru bil-*card* ta' Agius izda li saru mill-imputata li jkopru l-perjodu mit-18 ta' Lulju, 2016, sa l-1 t'Ottubru, 2016. Fl-informazzjoni bankarja jinghad *"From the information of the POS receipts*

---

156 Fol.109
157 Dokumentazzjoni **Dok. RV3** a fol.35-80 u **Dok.RV4** a fol.81-100
158 **Dok.RV3** a fol.35-80
159 Fol.43
160 Fol.52
161 Fol.61
162 Fol.77
163 Fol.70
164 Fol.25

*provided it transpires that all the receipts were signed by '**D. Borg**' whilst the card was in the name of* ***'Benedetta Agius'***".

Dawn jistghu jigu migbura fis-segwenti: Cosmed Pharmacy ammont globali ta' **€320.44**[165]; Lourdes Service Station ammont globali ta' **€965**[166]; Melita **€104.73**; Alfsons Enterprises: **€103.73**[167]; Essence of Beauty **€415.68**[168]; Vision Opticians **€77.00**[169]; Gamblu Confectionery **€435.62**; Browns Pharmacy **€46.64**; Pulman Shoes **€174.00**; Carabella Fash **€45.00**; JB Stores **€54.14** u Spizerija San Gwakkin **€24.06**. Dawn it-transazzjonijiet jammontaw ghal **€2,766.04.**

L-originali ta' dawn l-*ePOS slips* ingabbru minn Global Payments Ltd. u gew mghoddija lill-espert Joseph Mallia mill-bank HSBC fuq ordni ta' din il-Qorti.[170]

- Ezamijiet Kalligrafici

**Joseph Mallia**, espert kalligrafiku, xehed kif Agius ma kienitx taf tikteb u kienet tiffrma b'salib.[171] Wara li l-bank provdielu l-ricevuti/*ePOS chits* originali – li ngabru minn Global Payments Limited[172] - sar ezami komparattiv bejn il-firem fuqhom u l-firma tal-imputata. Ipprezenta r-rapport tieghu[173] w jkompli *"Ghal dak li ghandu x'jaqsam l-<u>ispizerija San Gwakkin</u>, irceviuta originali, l-firma, l-karatteristici tal-firma kienu* ***kompatibbli ma' dawk tas-Sinjura Borg****. Ghal dak li huwa <u>Vision Opticians</u> ukoll il-karatteristici kienu* ***jaqblu ma' dawk ta' s-Sinjura Borg****, imbaghad kien hemm chits tal-<u>JB Stores</u> li wkoll kienu* ***jaqblu mal-karatteristici tas-Sinjura Borg,*** *chits ta' <u>Alphonese Enterprises</u>* ***li jaqblu wkoll ma' tas-Sinjura Borg.*** *Chits ta' Melita plc li jaqblu ma' tas-Sinjura Borg, tlett chits ta' <u>Lourdes Service Station</u> li* ***jaqblu wkoll ma' tas-Sinjura Borg****. <u>Cosmet Pharmacy</u> kien hemm tmien chits, li l-firma wkoll kellha l-****karatteristici ta' dawk tas-Sinjura Borg.*** *Ghal dak li ghandu x'jaqsam Gamblu Confectionery, dawn l-ircevuti originali ma nstabux u ghalhekk jien kelli nahdem fuq il-kopji li kienu esebiti f'dan il-process. Ghal dak li ghandu x'jaqsam l-<u>Essence of Beauty</u>, s-Sinjura li hija direttur ta' din il-kumpanija qaltilhom li ma kinetx f'posizzjoni li taghtihom l-ircevuti taghhom pero' jekk l-espert isaqsi ghal dawn l-ircevuti, jien ghamilt seduta maghha u tatni l-ircevuti*

[165] Fol.92
[166] Fol.95
[167] Fol.94
[168] Fol.87-91
[169] Fol.93
[170] Fol.215
[171] Fol.215
[172] Fol.215
[173] **Dok.JM** a fol.218-343. *Chits* originali a fol.352

*originali li wkoll kienu* ***kompatibbli il-firem ma' dawk tas-Sinjura Borg****. Ghal dawk li ghandhom x'jaqsmu ic-chit tal-kumpanija Brown's, Pullman Shoes u Carabella Fashion, dawn baqghu ma nstabux, ghalhekk ma sar ebda ezami komparattiv fuqhom.".*[174]

Dawn ir-rizultanzi tal-espert kalligrafiku, kif intwera aktar il-fuq, gew ikkonfermati ukoll minn dirigenti ta' Cosmed Pharmacy, Lourdes Service Station, Gamblu Confectionery, Essence of Beauty, Vision Opticians u Alfsons Ltd. li kollha **jiddentifikaw lill-imputata bhala l-klijenta li ffirmat l-*ePOS chits* ghall-transazzjonijiet li saru mill-istabbilimenti taghhom bil-card ta' Benedetta Agius.**

Ikkunsidrat,

Fl-istqarrija taghha **Borg tammeti li hadet il-flus w kienet lesta troddhom lura.** Li kieku verament kienu nghatawlha bis-sewwa, in konsiderazzjoni tas-servizz li taghat lil Agius, ftit jaghmel sens li kienet lesta tirrifondi kollox basta ma tittressaqx il-Qorti. Ma jridx lanqas jintnesa li suppost din ghamlet li ghamlet ma Agius bhala volontarjat! Min jaghmel volontarjat ma jistennix kumpens u wisq anqas jiehdu *di privato braccio.*

Jidwu kliem l-imputata: ***"Ara x'hadt jien ghalija u naghtihomla. Imma lanqas huwa sew ghax dak li ghamilt maghha kien ta' xejn".*** Meta l-ispettur jistaqsi jekk kienitx qed tippretendi hlas ghal dak li ghamlet maghha, l-imputata terga' ***"Ma nahsibx li se naghmel ta' xejn".***[175]

Mill-provi migjuba l-Qorti tqis li Agius, filwaqt li kienet xi drabi tghaddi l-*card* taghha lil Borg biex tigbdilha ammonti ta' flus ghall-ispejjez taghha, qatt ma kkonsentiet li dik il-*card* tintuza ghall-spejjez personali ta' Borg. Kien propju ghalhekk li l-imputata meta kienet taghmel spejjez ghaliha nnifisha mill-*card* ta' Agius, **ma uzatx il-*pin number* izda kienet tiffirma ghal kull transazzjoni.** Ftit intebhet l-imputata li xorta wahda l-ghemil taghha kien ser jinkixef. Jidher li kien biss biex tigbed *cash* li wzat il-*pin number* ta' Agius.

Ghalkemm mhemmx dubbju li Agius xi drabi fdat il-*card* lil Borg ghall-uzu specifikat, li taghmel *withdrawal* ta' flus provvenjenti mill-pensjoni taghha li kienet l-uniku provvenjenza ta' fondi li kellha din ix-xwejha, l-istess xwejha qatt ma kienet konsapevoli li Borg, minflok taghmillha pjacir kienet fil-verita` qed tisfrutta l-vulnerabbilita` taghha. **Minflok ghenitha, Borg hadmitha w**

[174] Fol.216
[175] Fol.107

**serqitha. Minflok hadet hsieb l-anzjana, Borg hadet hsieb taghha nnifisha billi approprijatilha indebitament flusha** biex hallset kontijiet ta' kapricci taghha, *cable television, mobile phones*, nuccali, zraben, trattamenti ta' sbuhija, xirjiet u sahansitra xiri ta' vettura li armata bl-*extras* b'kollox!

Ikkunsidrat,

**IL-LIGI**

Imputazzjonijiet 2 sa 5: Serq, Frodi, Approprijazzjoni Indebita

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali, irid jigi determinat, galadarba anke dan il-punt gie ssollevat mil-abbli difensuri tal-imputata fit-trattazzjoni taghhom, jekk l-ghemil tal-imputata jikkonfigurax bhala reat ta' serq, reat ta' approprijazzjoni indebita jew ghemil frawdolenti, nominat jew innominat. Dan qed jinghad in kwantu ghall-flejjes li naqsu mill-kont ta' Benedetta Agius peress li l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda s-serq tad-*debit card per se*.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Katia Formosa Magro** fejn iddistingwiet ir-reat ta' frodi minn dak ta' serq. F'dan il-kaz, l-imputata, kaxxiera f'supermarket, tressqet fuq frodi talli ma kienitx tghaddi oggetti minn taht *scanning machine* mal-*cash* li kienu jinxtraw minn familjari taghha biex b'hekk approffitaw rwiehom l-istess familjari. Il-Qorti tenniet li l-ghemil taghha kien jammonta ghall-serq, mhux misapproprijazzjoni, u ghalhekk giet illiberata**:** [176]

> Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:
>
> ***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda***

[176] Per Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza 28 ta' Marzu, 2011

***minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann***

***l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione Penale** gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur **Francesco Antolisei**, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004) : ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **Il-Puliizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi l-abbli difensur ta'l-imputata tikkontendi illi l-element tal-hekk imsejjah *misc en scene* huwa nieqes. Hawnhekk ma kienx hemm mezzi ta' raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal sabiex l-vittma ta' dana ir-reat jigi ingannat mill-imputata. Il-Qorti hawnhekk taghti ragun lid-difiza. Biex jissussiti ir-reat tal-frodi jehtieg necessarjament illi s-suggett attiv jadopera mezzi sabiex igieghel lil vittma tieghu jaghmel xi haga li solitament ma kienx jaghmel, jew bil-maqlub illi igieghel lill-vittma tieghu ma jaghmilx xi haga li solitament huwa jaghmel. L-vittma irid ikun gie ingannat b'xi haga illi jaghmel il-frodatur li igieghlu jemmen realta' li fil-verita' ma tezistiex. Dana ma sehhx fil-kaz in dizamina. L-imputata kienet qed tiehu affarijiet mis-supermarket minghajr ma thallas ghalihom. Jirrizulta illi dana kien isehh meta kienu imorru jixtru gewwa s-supermarket, il-membri tal-familja taghha. L-imputata li kienet impjegata bhala kaxxiera kellha dmir fix-xoghol taghha illi tara illi il-klijenti kollha li jidhlu sabiex jixtru minn dana l-istabbiliment ihallsu ghal kull oggett li huma jakkwistaw u jghaddulha il-hlas ghalihom. Hija kienet fid-dmir tara ghalhekk li kull

min ikun ser johrog mill-istabbiliment ikun qabel ghadda minn hdejha sabiex ihallas ghal dawk l-oggetti illi huwa ikun ghazel biex jakkwista. Fil-kas tal-membri tal-familja taghha, dana ma ghamlitux. Hija intenzjonlament kienet qed thalli lil dawn in-nies johorgu mill-istabbiliment minghajr ma jkunu hallsu ghal xi oggetti. Ghalhekk hija kienet il-mohh jew ahjar l-awtrici wara s-serq ta' dawn l-oggetti. Illi ghalkemm l-oggetti ma kenitx qed tehodhom hi fizikament, madanakollu dan kien l-intenzjoni taghha u cioe' illi hija tisraq dawn l-oggetti sabiex b'hekk jibbenfikaw il-membri tal-familja taghha.

Illi l-**Carrara** jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.***"[177]

Il-**Professur Mamo** imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel esposizzjoni dettalji ta' dak li ighidu l-awturi fosthom il-**Carrara, Crivellari** u il-**Professur Mamo**:

"***Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui ... per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso*.**"

Il-**Crivellari** imbaghad ighid:

**"*l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare*."**

Ghalhekk maghdud dana kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz huma imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq. It-tehid jew 'l-hekk imsejjah *contrectatio* jirrizulta billi l-imputata qieghda tiehu indirettament tramite il-membri tal-familja taghha l-oggett minghajr l-intenzjoni li tirritornah. Dana it-tehid qed isir b'mod frawdolenti, minghajr il-kunsens tas-sid u ovvjament bl-intenzjoni ta'l-imputata illi taghmel qliegh mill-istess tehid, qliegh li tgawdi minnu mhux biss hi izda il-familja taghha kollha. Ghaldaqstant l-imputata ma messha qatt giet akkuzata bir-reat tal-frodi, izda bir-reat tas-serq.

[sottolinejar ta' din il-Qorti]

[177] Vide Criminal Appeal **The Police vs Mario Tanti** 09.12.1944

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** intqal:[178]

> Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.
> [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[179]

> "Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
>
> 1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
>
> 2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
>
> 3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
>
> 4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
>
> 5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Amadeo Pulis** il-Qorti tal-Appell Kriminali iddistingwit bejn ir-reat ta' serq w ir-reat ta' approprijazzjoni indebita:[180]

> 5. Bil-fatti kif allegat mill-prosekuzzjoni huma kolpiti l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Il-Qrati taghna trattaw dan ir-reat diversi drabi mill-aspett akkademiku u llum tista' tghid li hemm minjiera ta' gherf in rigward. Per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 flismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia** – App Krim 288/99, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bi kjarezza bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u *"il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lissid jew li jsir uzu minnha specifikat.* Fi kliem **Maino**: *"Vera restituztione e uzo determinato implicano*

[178] Deciza 09.06.1998. Ara wkoll **il-Pulizija vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013
[179] Deciza 15.02.2007 per S.T.O. Prim Imhallef, Dr. Vincent De Gaetano; Appell Numru 87/2007
[180] Per Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza 25 ta' Gunju, 2020

*necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario …La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimostra, come gia dicemmo, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindi anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione"* (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

6. Tispjega l-istess Qorti, dejjem fis-sentenza citata, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista **Francseco Antolisei**: L*a figura giuridicia dell'appropriazjone indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenda. Entrambe, infatti, riguardano le cose mobili altrui; ma, mentre il furto, come se e' visto, implica nell'autore la mancanza dell'possesso, consistendo nel fatto di procurarselo (impossessamento), l'appropriazjoni indebita presume che l'agente gia possieda le cose medesime. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I, Giuffre (Milano), 1996, p. 274 – 275); ……

9. Meta kif intqal supra il-**Prof. Mamo** jaghmel referenza ghar-reat b'riflessjoni dwar ir-reat ta' serq jghid hekk: *"There are, however, cases in which exceptionally the fact that the owner parted with the possession of the thing does not negative theft. These are: (i) when the delivery of possession is general and not special, or limited to particular things. Thus if a servant has the charge of all the chattels existing in the place where he is employed, he would be guilty of theft if her were to take away any of them." (*op cit. Pg 282);

10. Tajjeb li ssir referenza ukoll ghal dak li jghid l-**Antolisei** f'Manuale di Diritto Penali – Parte Special I – Milan Giuffre 1957. "*Richiamando quanto e' stato esposto nell'esaminare questo reato, osserviamo che, se deve ravvisarsi il furto nel caso del facchino, il quale, accompagnando il viaggiatore, si dilegua con la valigia, sussiste appropriazjoni indebita nel fatto dell'agenzia di trasporti che si impadronisce di un bagaglio che le 'e stato affidato per la consegna a domicilio. Codesta agenzia, infatti, ha la disponibilita' autonoma della cosa, cosi' come dispone in modo autonomo di un libro colui che lo ha ottenuto in prestito da una biblioteca, a differenza dell'individuo che lo ha avuto in cosegna per consultarlo in una sala di lettura della biblioteca stessa, individuo che, e sottrae il volume, commette furto" (pg 234);*

Fil-kaz in dezamina ma jirrizultaw l-ebda raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal lil Agius biex tigi mqarrqa minn Doris Borg. Ma jirrizultax li Borg ghamlet uzu minn xi mezzi li permezz taghhom gieghlet lil Agius taghmel xi haga li solitament ma kienitx taghmel jew biex ma taghmilx xi haga li solitament kienet taghmel. Ma jirrizultax li Agius giet ingannata b'xi ghemil ta' Borg li kawza tieghu giet mgieghlha temmen rejalta` li fil-verita` ma ezistietx.[181]

Mir-rizultanzi processwali izda, jirrizulta li Agius ghaddiet il-*card* taghha biex issir uzu specifikat minnha mill-imputata Borg u cioe` li din tigbed flus mill-kont tal-istess Agius. Minflok, Doris Borg effettivament bdiet tigbed flus

[181] **Il-Pulizija vs Katia Formosa Magro** supra.

ghaliha, tonfoq bl-addocc mill-flejjes ta' Agius. Bl-ghemil taghha Borg saret hatja ta'_approprijazzjoni indebita kif prospettat fir-raba imputazzjoni!

L-Ewwel Imputazzjoni: Serq tad-*Debit Card*

In kwantu ghall-card *per se* ma jirrizultax ir-reat ta' serq prospettat bl-ewwel imputazzjoni izda r-reat t'approprijazzjoni indebita, peress li gie pruvat biss li kienet Agius li kienet tghaddi l-*card* taghha lil Borg. Minn imkien ma jirrizulta li Borg hadet il-*card* ta' Agius minn wara daharha u cioe` li serqitha!

Madanakollu in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni addebitat lill-imputata bir-reat ta' serq biss, il-Qorti hi prekluza milli tikkunsidra jekk jistax jirrizulta r-reat ta' approprijazzjoni indebita peress li l-artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mid-dispozizzjonijiet rezi applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bis-sahha tal-artikolu 525 tal-istess Kodici. Konsegwentement ma tistax tinstab htija dwar din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

L-approprijazzjoni indebita li wettqet l-imputata ghad-detriment ta' Benedetta Agius tilhaq il-**€5,766.04** li jkopri ix-xirjiet li saru bil-*card* ta' Agius (€2,766.04) u minn tal-anqas it-€3,000 li ngibdu f'kontanti fil-gimgha ta' bejn is-16 u t-22 ta' Lulju, 2016.

Issa f'dan il-kaz isib applikazzjoni ukoll l-artikolu 257D tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

> **257D.** (1) Kull persuna li tinsab ħatja ta' xi reat taħt it-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb, meta r-reat jitwettaq fuq persuna **anzjana jew adult dipendenti**, teħel il-piena prevista f 'dan l-artikolu:
>
> (*a*) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn tlett elef euro (€3,000) il-piena tkun ta'priġunerija minn sentejn sa disa' snin;

Ghalkemm il-prosekuzzjoni ma pprezentatx ic-certifikat tat-twelid ta' Benedetta Agius, il-provi ma jhallu l-ebda dubbju li Agius kienet persuna **anzjana w adult dipendenti**.

Id-dipendenza taghha tirrizulta mill-fatt li kellha bzonn min jiehu hsiebha, jsajrilha, jahslilha d-dar u hwejjigha kif issemmi kemm l-istess imputata, kif ukoll Mary Camilleri u Ann Scicluna. Aktar il-quddiem irrikorriet ghal *carer* u ghall-ghajnuna anke biex tiehu pilloli; ma kienitx ta' wahedha tant li spiccat fil-

kura ta' girien qabel ma ddahhlet f'*home*. Minbarra f'dawn il-provi hemm ukoll ix-xhieda traskritta tal-Assistant Gudizzjarju li fiha tindika l-karta tal-identita` tax-xhud Benedetta Agiusbhala dik bin-numru 272331M.[182] Fil-*Case Summary* mahrug minn Mater Dei hemm indikat li din twieldet fit-8 t'April, 1931 u fiz-zmien li kienet rikoverata fl-2017 kellha 86 sena.[183] Ghalhekk fl-2016 fiz-zmien tal-imputazzjonijiet addebitati lil Borg Agius kellha 85 sena. Il-Current Incident Report ukoll jindika l-istess data tat-twelid u numru tal-karta tal-identita`.[184]Issir ukoll riferenza ghall-konstatazzjonijiet tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar li jsemmi l-eta` ta' twelid ta' Agius fil-1931 *"li dehret tal-eta taghha"* meta giet ezaminata f'Casa Serena, Dar tal-Anzjani. *"Is-sinjura Benedetta Agius detentrici tal-karta tal-identita` numru 0272331M, mwielda fit-8 t'April, 1931….".*[185] Imbghad meta jixhed jispjega li Agius kienet giet ezaminata minn gerjatra, *"Gerjatra huwa specjalista tal-anzjani".*[186]

Prova ohra li Benedetta Agius kienet anzjana, huma propju l-atti testamentarji taghha esebiti min-Nutara Mifsud Bonnici u Camilleri Bowman li fihom giet indikata d-data ta' twelied taghha.[187]

Ghaldaqstant ma jifdal ebda dubbju li Benedetta Agius kienet mara anzjana u adult dipendenti biex b'hekk tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 257D(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Tenut kont li l-imputazzjonijiet 2 sa 5 huma lkoll imputazzjonijiet alternattivi u galadarba l-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat t' **approprijazzjoni indebita**, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta u hamsa. Kif intqal mhux tinstab htija fuq l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

Is-Sitt Imputazzjoni: *Money Laundering*

Illi dwar is-sitt imputazzjoni addebitata lill-imputata issir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez**

[182] Fol.160B
[183] Fol.657. Vide ukoll fol.674. Kopja tal-Karta tal-Identita` ta' Agius a fol.673 ghalkemm mhix awtentikata.
[184] Fol.117 u 119
[185] Fol.212 - 213
[186] Fol.817
[187] Fol.856; 861; 863 u 867

**Delgado**.[188] F'din id-decizjoni l-Qorti ghamlet analizi *funditus* dwar ir-rekwiziti legali tar-reat ta' riciklagg, jew kif inhu ahjar maghruf dak ta' *money laundering* previst bl-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-attivita` tal-imputat trid tiffigura f'wahda jew izjed mic-cirkostanzi deskritti fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2 tal-istess Kapitolu:

> Our Money Laundering Act, though a copious piece of legislation, does not give us a concise definition of the crime under issue. It does pronounce a number of instances which would constitute this crime, its attempt or complicity.
>
> Reference is made to Archbold 2012 where one finds that this offence is described and defined as:
>
> *"The explanatory notes to the PCA (Proceeds of Crime Act 2002) define money laundering as "the process by which the proceeds of crime are converted into assets which appear to have legitimate origins, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises."*
> (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2012, page 2475).
>
> The Law Society Anti-Money Laundering Practice Notes October 2013 (Supporting Solicitors) defines this crime as follows:
>
> *"Money laundering is generally defined as the process by which the proceeds of crime, and the true ownership of those proceeds, are changed so that the proceeds appear to come from a legitimate source. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud.* ***A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary****."*
>
> Adds:
>
> *"There are three acknowledged phases to money laundering placement, layering and integration. However, the broader definition of money laundering offences in POCA includes even* ***passive possession of criminal property as money laundering****."* (page 9)
>
> In examining this offence, our Courts have also established that the three elements – placement, layering and integration, are not per se *sine qua non* elements necessary for the crime to exist, establishing that these stages were but a general description of the crime in question, for better understanding of the lay person sitting in a Trial by Jury. The Criminal Court reiterated further that thus the Prosecution need not, according to Law, prove the intention in each and one of these stages.
>
> This short summary reflects the main points raised by the Court of Appeal in the judgment **"Police (Insp Angelo Gafa') vs Carlos Frias Mateo"**, dated 19th January, 2012, wherein the Court is here cited to have said this:

---

188 Court of Magistrates (Malta) As a Court of Criminal Judicature, per Hon. Magistrate Dr. Miriam Hayman; 29th April, 2015, Crim. Proc. No. 457/2013.

*"Kif ben qalet tajjeb l-Ewwel Qorti diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha "placement", "layering" u "integration". Dawn l-istadji gew imfissra b'mod konciz mill-Qorti tal-Magistrati. Pero` mill-bidunett ta' min jipprecisa, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni generali tal-process tal-hasil tal-flus. Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l-kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati. Ghalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika. Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tissemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri. Ghalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss bhala punto di partenza u bhala deskrizzjoni generali tal-process tal-"money laundering" b'mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni f'kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta'd-definizzjoni ta' "money laundering" li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll ir-reati kkontemplati fl-artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal-Parlament Ingliz "Proceeds of Crime Act 2002" fejn analizi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti "placement", "layering" u "intergration" bil-propjeta`."*

Furthermore, as justly pointed out by Defence Counsel in the note of submissions, our Courts have advised caution in dealing and assessing this case, as well explained in another judgment handed down by the Criminal Court in the case **"Republic of Malta vs John Vella"** decided on the 9th November, 2007:

*"L-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita' kriminali sottostanti. Certament pero, ikun x'ikun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laudering irid jindika n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega. Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghal money laundering.*

*Din hi Ligi straordinarja li tintroduci kuncett radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skuplu u attenzjoni biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zminijiet tal-inkluzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem."*

Further considers, that as said our Law does not give a comprehensive definition of this crime, opting instead to delineate various instances which would constitute the crime of Money Laundering or its attempt or complicity. Section 2(1)(i) of the said Chapter defines the crime of money laundering as being constituted in any one or more of the instances as reflected in the charge sheet.

Whilst the actus reus of this crime should present no problems to comprehend, it is immediately obvious that the mental formal elements involved range from **the actual knowledge that the proceeds laundered had a criminal provenance, to even the suspicion thereof**. The Law as amended uses the words "knowing" or "suspecting". [(Section 2(1)(i)]. The element of knowledge should present no difficulties to proof in a Court of Law, knowledge is what it is. It clearly means that one has a good understanding, knowhow, command, and comprehension of a situation. The term suspicion on the other hand can present and lend itself to a myriad of difficulties and is deserving of more exploration.

Guidance is here sought by reference to Money Laundering Offences: The Law Society, Chapter 5, 2013, October Practice Notes. This extract refers to the P.O.C.A. It can help us understand the mental elements necessary under our Legislation. To keep in mind is that our Chapter 373

speaks only of knowledge and suspicion, whereas the POCA speaks of three elements including that of “reasonable grounds for suspicion”, this within the limitations hereunder outlined:

*“**5.3 Mental elements***
*The mental elements which are relevant to offences under Part 7 of POCA are:*
- *knowledge*
- *suspicion*
- *reasonable grounds for suspicion*

*These are the three mental elements in the actual offences, although the third one only applies to offences relating to the regulated sector. There is also the element of belief on reasonable grounds in the foreign conduct defence to the money laundering offences. A person will have a defence to a principal offence if they know or believe on reasonable grounds that the criminal conduct involved was exempt overseas criminal conduct.*

*For the principal offences of money laundering the prosecution must prove that the property involved is criminal property. This means that the prosecution must prove that the property was obtained through criminal conduct and that, at the time of the alleged offence, you knew or suspected that it was.*

*For the failure to disclose offences, where you are acting in the regulated sector, you must disclose if you have knowledge, suspicion or reasonable grounds for suspicion; while if you are not in the regulated sector you will only need to consider making a disclosure if you have actual, subjective knowledge or suspicion.*

*These terms for the mental elements in the offences are not terms of art; they are not defined within P.O.C.A and should be given their everyday meaning. However, case law has provided some guidance on how they should be interpreted.*

***5.3.1 Knowledge***

*Knowledge means actual knowledge. There is some suggestion that wilfully shutting one's eyes to the truth may amount to knowledge. However, the current general approach from the criminal courts is that nothing less than actual knowledge will suffice.*

***5.3.2 Suspicion***

*The term 'suspects' is one which the court has historically avoided defining; however because of its importance in English criminal law, some general guidance has been given.*

*In the case of Da Silva [1996] EWCA Crim 1654, which was prosecuted under the previous money laundering legislation, Longmore LJ stated:*

*'It seems to us that the essential element in the word 'suspect' and its affiliates, in this context, is that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice.'*

*There is no requirement for the suspicion to be clear or firmly grounded on specific facts, but there must be a degree of satisfaction, not necessarily amounting to belief, but at least extending beyond speculation.*

*The test for whether you hold a suspicion is a subjective one. If you think a transaction is suspicious, you are not expected to know the exact nature of the criminal offence or that particular funds were definitely those arising from the crime. You may have noticed something unusual or unexpected and after making enquiries, the facts do not seem normal or make commercial sense. You do not have to have evidence that money laundering is taking place to have suspicion."*
(P.O.C.A Proceeds of Crime Act 2002 (U.K).

This therefore is the level that the Prosecution must reach to prove the mental element of this crime, knowledge or suspicion as here explained, beyond reasonable doubt, on the part of the offender of the illegal provenance of the proceeds.

It is obviously only after an acute examination of all the facts of the case presented to the Court, that one of these elements can be proved. Obviously knowledge transcends any suspicion.

The proof of the underlying offence is regulated by Article 2(2)(a) of Chapter 373 that reads:
*"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity."*

Therefore, the Prosecution are aided, to a degree, in proving the necessary crime originator of the questioned laundered proceeds by direct evidence where available, or by circumstantial evidence or any other evidence, and need not necessarily produce an actual conviction that establishes the underlying offence. Neither does the Law require them to proof with precision the nature of the crime involved.

Therefore the launderer need not be knowledgeable of the precise nature of the crime whose proceeds he is helping to convert into unsuspicious clean property. Suffice that he has knowledge or a suspicion that these proceeds might have a dubious origin.

Applied to the case in question this therefore means that the Prosecution need not proof John Joseph Evans' guilt but the nature of his operations, in his instance drug trafficking or that something appeared amiss at a stage in time to the accused.

Yet another exception arises in this Chapter concerning the level of proof and or the burden thereof. This emanates from Section 3(3) of Chapter 373 which refers directly to a shift in the burden of proof found entrenched in Chapter 101 of the Laws of Malta.

Fil-fatt l-Artiklu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, li gja saret riferenza ghalih jipprovdi:

(3) Fi proċeduri dwar reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi., għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

Fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Ordinanza msemmija nsibu:

(*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

Il-Qorti fil-kaz citat kompliet:

Obviously this last quoted Section deals with proceeds of crimes dealt with under Chapter 101. This presumption is however applicable to all predicate offences and their proceeds as regulated by Chapter 373.

It therefore transpires that for a charge of money laundering to be proven successfully, **the Prosecution must proof the nexus between the criminal activity and the questioned dubious proceeds, but it lies with the charged or accused, failing a reasonable explanation thereof to prove, now to a level of probability, the lawful origin of the monies in question**.

In this regard, for a better understanding of the level of proof the Prosecution has to reach to establish the underlying offence and that necessitated by the accused as rebuttal of the illegal knowledge of the proceeds, the Court is once again referring to the Carlos Frias Mateo decision above cited, dated 19th January, 2012, wherein the Court said:

*"F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata.*

*Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.*

*Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*

*Ikkunsidrat :*
*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra,*

*"Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer."*

*Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "a case to answer", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.*

*Fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz, intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"?"*

Further considers:

First and foremost the Court is of the opinion that the first issue to be tackled is one raised by the Defence in its note of submissions regarding the charges proffered claiming uncertainty on the part of the Prosecution, having directed at the accused all the content of Section 2(2) of the Money Laundering Act. True enough, Prosecution chose to debit the accused with the burden of all the criminal instances found in the said Section. Obviously he cannot be guilty of all, but one does not necessarily exclude the other. Obviously these are alternate charges, this being more evident and obvious in as far as the alleged complicity or attempted charges are proffered. One must also remember that at a later stage in the proceedings, Attorney General, exercising his discretion under Chapter 373, sent this case for a summary judgement, therefore inviting this Court to examine the facts against the requisites of Section 2(2) of the said Chapter.
[emfazi ta' din il-Qorti]

Ghandu jinghad li fiz-zmien tad-decizjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella** li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado,**[189] "attivita` kriminali" taht l-artikolu 2(1)(b) tal-Att kontra *Money Laundering* kienet tfisser xi wiehed jew aktar minn reati elenkati fit-Tieni Skeda w ghalhekk kien isegwi li kellu jigi indikat *"n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti partikolari"*.

Izda, bi dhul fis-sehh tal-***Att VII tal-2010,*** l-artikolu 2(2)(a) tal-Att gie emendat biex minflok il-kliem "*attività kriminali sottostanti.*" gew sostiwiti l-kliem "*attività kriminali u mingħajr il-ħtiega li jigi stabbilit b'mod preciz liema hija l-attività sottostanti,*". Dan ifisser li tnehhiet il-htiega li tigi specifikata n-natura partikolari tal-attivita` kriminali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Morgan Ehi Egbomon**[190] ukoll kellha l-okkazzjoni biex tirrimarka dwar l-effett ta' dawn l-emendi li b'hekk biddlu l-posizzjoni legali kif enuncjata bid-decizjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella**:

---

[189] *Supra*

[190] Appell fuq Decizjoni tal-Qorti Kriminali fuq Eccezzjonijiet Preliminari, Att t' Akkuza Nru. 16/2009. Dec 31.07.2014.

7. In its judgement regarding these pleas, the Criminal Court said:

**"That as regards the first count, the accused is claiming that this is null and void because it does not in any way indicate the antecedent offence or source which could give rise to money laundering.**

**"The accused is arguing that the Attorney General must at least prove prima facie that the money is coming from an illicit activity. If there is a shifting of the burden of proof, this must be accompanied by an illicit activity which illicit activity should show in the bill of indictment. In this case no previous offence was established, therefore there is no antecedent criminal act. The situation is very similar to the crime of receiving stolen property where there must be proof that the goods have a criminal origin. Therefore, in matters of money laundering, the Prosecution must prove the illicit origin of the money. The suspicion of a crime is not enough. It has yet to be established what is the predicate offence.**

**"Considers:**

**"It has to be stated from the outset that the narrative part of the bill of indictment is not evidence of its own contents. It is just an explanation given by the Attorney General to show why he deems it necessary to charge the accused with the crime of money laundering. The narrative still has to be proven in a Court of law and the Attorney General is not bound with the details of the narrative but only with the general theme of the narrative. He is, however, fully bound by the concluding paragraph of the charge from which there can be no deviation.**

**"This means, therefore, that if according to the accused, the bill of indictment does not in any way indicate the antecedent offence, or source, this does not mean that evidence of this offence can not be brought during the trial. According to the guidelines given by the Court of Appeal in the case "Police versus Carlos Frias Matteo" of the nineteenth (19th) of January two thousand and twelve (2012), it was stated that:**

**"Ghalhekk, dan il-livell ta' prova prima facie japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-artikolu 2(2)(a) tal-istess Att jezimi mir-responsabilta` lill-Prosekuzzjoni milli tipprova xi htija precedenti in konnessjoni ma' xi attivita` kriminali, kulma ghandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu filpussess tal-persuna ma kinux konformi mal-istil ta' ħajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anki minn provi indizjarji. Dan ifisser illi lProsekuzzjoni m'ghandhiex tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kinux illegali. Kulma trid tipprova huwa fuq grad ta' prima facie illi ma hemm lebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, ikun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini talflus ma kinux illegali."**

**"This Court finds that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence. Here, the Attorney General did not fail to indicate what the actus reus was all about even though he does not have to prove any specific offence.**

**"This Court, therefore, finds that the narrative part of the first charge of the bill of indictment contains sufficient information for the accused to prepare for his defence, is drafted according to law and sees no reason why it should be declared null and void.**

**"For these reasons, therefore, the Court dismisses the first plea of the accused.**

……….

15. First of all this Court must point out that article 2(2)(a) of Chapter 373 of the Laws of Malta, as it stood at the time when the money-laundering offence with which appellant has been charged allegedly took place, provided:

**"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity."**

16. It was by means of article 59(b) of Act VII of 2010, that the words "criminal activity." were substituted with the words "criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity." Yet by means of Legal Notice 176 of 2005 the Second Schedule of Chapter 373 of the Laws of Malta was amended such that "criminal activity" was to refer to "any criminal offence" and individual criminal offences were no longer specified in the Schedule (as was the case when the judgement **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella** decided on the 26th November 1999 by this Court differently composed, and to which appellant referred, was delivered).

17. In any case in its judgement the first Court did conclude **"that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence."**

18. It is also true that article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta is applicable to proceedings under Chapter 373 (see article 3(3) of said Chapter 373) and that this article provides:

**"In proceedings for an offence under paragraph (a), where the prosecution produces evidence that no reasonable explanation was given by the person charged or accused showing that such money, property or proceeds was not money, property or proceeds described in the said paragraph, the burden of showing the lawful origin of such money, property or proceeds shall lie with the person charged or accused."**

19. Nonetheless the following principles, as clearly outlined by the Constitutional Court in its judgement of the 1st April 2005 in the case **The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**, must be applied:

**"(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt; (ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities; (iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if**

**that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted; (iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case; (v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence."**

20. Consequently this Court finds no reason to vary the first Court's conclusion that it did not find the bill of indictment null and void. Thus appellant's first grievance is dismissed.
[sottolinejar tal-Qorti]

Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos,** il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` taghmel analizi approfondita w dettaljata dwar l-oneru tal-prova li jinkombi lill-partijiet f'kazijiet ta' hasil ta' flus. Fil-fatt dik l-Qorti qalet hekk:[191]

*Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. <u>Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza</u> u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

*Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l- Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.*

*Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "**Il-Pulizija vs Paul Borg"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

[191] Onor.Imhallef Dr. Michael Mallia; Deciza fid-19 ta Jannar, 2012,

Kif kkonkludiet b'mod preciz ghall-ahhar il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza **Il-Pulizija vs Alfred Delia et**: [192]

> Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u cioe *fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz,* (provi biex jigi pruvat in-ness bejn il-flus utitlizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita kriminali) *intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"* biex mbaghad **l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini legittima tal-flus utilizzati**.
> [emfazi ta' din il-Qorti]

Fid-decizjoni taghha fil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin,** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkunsidrat:

> That it is to be emphasised that the charge of money laundering brought against defendant is based on Chapter 373 of the laws of Malta and not Chapter 101. In the latter case the prosecution must necessarily show a link between the assets being laundered and some criminal activity prohibited under Chapter 101. In the former case (i.e. an offence under Chapter 373) what the prosecution must show is a link between the laundered assets and an offence listed in either the first or second schedule of the said Chapter 373 which however also include traffic in narcotic drugs and psychotropic substances.
>
> That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question. This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case **Republic of Malta vs John Vella**[193] when it said:
>
> *….l-Avukat Generali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghjar ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jigi allegat li huwa l-attivita kriminali sottostanti…. Certament pero ikun x'jkun il-kaz, jekk l-Avukat Generali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering … irid jindika n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega*.
>
> That once the prosecution satisfied this onus, in terms of article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta which applies to proceedings for an offence of money laundering by application of article 3(2A)(3) of Chapter 373, the burden of proof then shits on defendant who has the onus of showing the lawful origin of the money in question. Defendant produced no such evidence.[194]

Ikkunsidrat,

---

[192] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke. Deciza 23.05.2013, Kump. Nru 672/2010

[193] Deciza 29.11.1999 u citata f' **Il-Pulizija vs Paul Borg** (Qorti tal-Appell Kriminali sede Inferjuri) Deciza 06.10.2003.

[194] Case Number: 197/2008; 23.11.2009, per Magistrate Dr. Doreen Clarke.

Fil-kaz in dezamina mhemmx dubbju li Borg kienet konsapevoli mill-provvenjenza illegitima tal-flejjes approprijati indebitament **minnha stess** mill-kont ta' Benedetta Agius meta ghamlet uzu ndiskriminat u mhux awtorizzat mid-*debit card* taghha; *card* li Doris Borg ukoll approprijat ruha minnha w mill-flejjes li kien fiha meta zbarkat fuq fernezija ta' xirjiet personali ghaliha.

Ghalkemm fl-istqarrija taghha ssemmi li kienet tigbed il-pensjoni ta' Agius, biex thallas lil *care workers*, is-servizz tat-*telecare*, kontijiet tat-telephone, *television*, tad-dawl u l-ilma, bzonnijiet kwotidjani u medicini, **tibqa' ma toffri l-ebda prova – sal-grad mistenni minnha - biex tissostanzja dan**, anzi mill-provi jirrizulta li l-hlasijiet kienu saru biex jithallsu kontijiet ta' Borg u ommha, isiru *extras* fuq il-vettura taghha w xiri ghall-hwejjeg u servizzi personali!

Ikkunsidrat,

<u>F'liema mument sehh il-*Money Laundering*?</u>

Madanakollu sakemm Borg kienet qed **tuza l-*card* ta' Agius biex thallas ghal xirjiet personali w servizzji ghaliha nfisha, ma jikkonfigurax ir-reat ta' riciklagg izda dak ta' approprijazzjoni indebita.** L-ghemil taghha m'hu xejn izjed mill-att materjali tar-reat ta' l-approprijazzjoni indebita. Malli hallset ghall-spejjez taghha bil-*card* ta' Agius, Doris Borg effettivament <u>dawwret bi profitt għaliha l-flejjes fdati lilha minn Agius</u>!

Gara izda li Borg ma waqqfietx hemm. Mill-*statement* tal-kont bankarju ta' Agius jirrizulta li bejn is-16-22 ta' Lulju, 2016 ingibdu €3,000.[195] Hija l-istess Borg li fl-istqarrija taghha tammetti li gibdet mal-€2,400 meta tikkonferma ***"Iva dawk jien gbidthom ukoll. Fil-kaz nizzilhom fuqi ukoll. Dawk hi qaltli nigbidhom ghalija"[196].*** Diga gie muri li meta Agius kienet taghmel il-*withdrawals* hi, dan kien ikun limitat ghal kaz izolat kull xahar biex tingibed il-pensjoni taghha. Fiz-zmien li bdiet taghmel numru ta' xirjiet ghaliha personali bil-*card* ta' Agius, irrizulta li kien hemm hames *withdrawals* f'gimgha li lahhqu it-€3,000.[197]

Kien ghalhekk li l-ufficjal investigattiv ghamel sensiela ta' mistqosijiet lil Borg biex jistabbilixxi kif din, bl-introjtu taghha, setghet tasal biex tixtri l-vettura.

---

[195] Fol.70-71
[196] Ibid.
[197] Fol.70-71

Fil-fatt gie pruvat li l-vettura nxtrat fit-**22 ta' Lulju, 2016**[198] **bl-imputata thallas €5,000 *"kollha bil-cash"* kif jixhed Raymond Buhagiar**.[199] Ghalhekk ma ghandu ebda rilevanza li l-kambjali bdew jithallsu wara Ottubru, 2016, l-perjodu li jissemma fl-imputazzjonijiet, punt li taghmel emfazi kbira fuqu l-abbli difiza.

Daqstant iehor gie pruvat li wara li Borg ma baqghetx tiffrekwenta lil Agius, il-pagamenti bdew issiru f'ammonti anqas u gieli nqabzu pagamenti biex imbghad kien issir pagament li jigbor aktar minn kambjala wahda;[200] evidenza li l-*cash flow/cash liquidity* ta' Borg hadet daqqa (*setback).*

Minn ricerka tal-assi, rapport prezentat minn **Dr. John Seychell Navarro**,[201] jirrizulta li l-imputata kellha kontijiet mal-APS bank u mal-Bank of Valletta b'bilanci insinifikanti. Bhala introjtu mis-Servizzji Socjali l-imputata kienet tiehu €142.33c fil-gimgha bhala *Increased Carers Allowance*; Bonus addizjonali ta' €3.12 kull gimgha, *bonus* f'Gunju w Dicembru ta' €135.10 u *sickness rate* ta' €25.98 fil-gimgha.[202] It-<u>Toyota Vitz FCJ726 giet registrata fuqha fl-20 ta' Lulju, 2016</u>.[203]

Lil Ispettur Vella Doris Borg qaltlu li kellha minn fejn tixtri l-vettura peress li wirtet lil missierha u lil-ex sieheb taghha *"flus dejjem kellhi"*[204] izda baqghet ma ngiebet l-ebda prova biex tissostanzja la li wirtet u lanqas is-sitwazzjoni finanzjarja komda taghha.-Dan il-fatt jakkwista rilevanza anke in kwantu ghall-**oneru ta' prova mistennija minn persuna imputata b'reat ta' riciklagg.**

B'hekk skattat il-presunzjoni li ssir riferenza ghaliha fl-Artiklu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, fejn insibu:

> (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat <u>ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli</u> li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, <u>l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat</u> tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

Maghduda dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li **l-imputata ma ssodisfatx dak l-oneru ta' prova u b'hekk lanqas sal-grad tal-probabli** ma gie ppruvat li

---

[198] Fol.152
[199] Fol.137 per Raymond Buhagiar
[200] **Dok.RB** a fol.140-150
[201] **Dok.JSN1** a fol.379 et seq.
[202] Fol.440
[203] Fol.599
[204] Fol.106

l-hlas ta' €5,000 ghall-vettura mixtrija nhar it-22 ta' Lulju, 2016, kien interament dovut ghall-provvenjenza legittima.

B'hekk u in forza tal-presunzjoni appena citata qed jitqies li Borg akkwistat il-vettura b'parti mill-flejjes derivanti mill-**approprijazzjoni indebita**, **l-attivita` kriminali sottostanti**.

Mhemmx dubbju li Borg kienet taf il-provvenjenza ta' dawk il-fondi ghaliex kienet hi li approprijathom indebitament mill-kont ta' Agius. Bil-pagament li sar bihom ghall-vettura, effetivament Borg kienet qed **tikkonverti w tittrasferixxi** dawk il-flejjes, **akkwistat, uzat w ippossediet flejjes gejjin minn attivita` kriminali – l-approprijazzjoni indebita minnha kommessa -** propju kif jipprospetta l-artikolu 2(1) tal-Att kontra Money Laundering.

Fil-fatt l-artikolu 2(1) tal-Att kontra Money Laundering *inter alia* jaghti s-segwenti tifsira ghal 'money laundering':

> "money laundering" tfisser:
>
> (i) **il-konversjoni jew trasferiment** ta' proprjetà meta wieħed ikun **jaf** jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali….
>
> (ii) **l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà** meta wieħed ikun **jaf** jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

Ghaldaqstant l-imputata qed tinstab hatja tar-reat ta' *money laundering* kif prospettat bis-sitt imputazzjoni in kwantu ghall-pagament fuq il-vettura li jidher li thallset minn flejjes li ngibdu mill-kont ta' Benna Agius. Il-hlasijiet l-ohra maghmulha mill-imputata jikkonfiguraw taht ir-reat t'approprijazzjoni indebita.

Ikkunsidrat,

L-addebitu tar-Recidiva

Giet esebita mill-ufficjal prosekutur sentenza datata is-27 ta' Novembru, 2014, fejn l-imputata, li taghha jidhru l-konnotati, nstabet hatja u giet mmultata €700.[205] Ma ngabitx prova jekk kienx hemm appell minn din is-sentenza w wisq anqas jekk u meta din il-multa gietx mhallsa.

[205] **Dok.RVZ1** a fol.644-645

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizja vs Omissis, Jason Galea**:[206]

> Illi madanakollu din il-Qorti tqies illi l-appellanti qatt ma seta jigi misjub hati ta'l-akkuza tar-recidiva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza li issir referenza ghaliha bhala prova tal-addebitu ta' recidiva u cioe' dik tat-22 ta' Jannar 2010, kienet giet imposta piena pekunjarja konsistenti f'multa, liema multa mill-fedina penali esebieta in atti jidher illi thallset fil-05 ta' Lulju 2012, u kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza kienet giet "skontata" fit-termini tal-ligi. Kwindi ghalkemm tirrizulta ir-recidiva taht l-artikolu 49, izda l-artikolu 50 ma huwiex applikabbli ghal kaz.

L-istess Qorti diversament preseduta rriteniet dan fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar**:[207]

> Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awissu 2012, din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" a fol. 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011.

Ghalhekk l-imputata qed tigi liberata mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

**PIENA**

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qiset in-natura serjissima tar-reati li dwarhom qed tinstab htija. L-imputata wriet il-kattiverja w hazen taghha meta taht is-sembjanza ta' persuna intenzjonata biss thares u tipprotegi mara anzjana li kull ma kien fadlilha f'hajjitha kienu ftit flus imgemma ghall-funeral taghha, haditilha kull ma kellha. Il-Qorti qiset kif l-imputata baqghet ma wriet l-ebda rimors ghall-ghemilha w lanqas ppruvat tikkumpensa lil Agius tul l-ahhar zmien ta' hajjitha. Ghalkemm fl-istqarrija taghha toffri biex tirrifondiha, baqghet ma ghamlet xejn minn dan tul iz-zmien li kien fadlilha hajja ix-xwejha Agius.

Fl-anzjana, fil-vulnerabbilita` w l-fragilita` taghha, Borg rat opportunita` kif tislohha, tkompli tghakkasha finanzjarjament biex tistghana minn fuqha. Kif tista' l-Qorti tinjora l-biki li bkiet din l-anzjana quddiem diversi xhieda f'mumenti ta' dispramen u swied il-qalb meta saret taf li lanqas ghall-funeral taghha ma kien baqalha flus? Kif intebhet li giet ingannata w misruqa propju minn min kienet fdat u kienet tghozz!

---

[206] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 31 ta' Mejju, 2017; Appell No. 434/2016

[207] Per Onor. Imhallef David Scicluna, Deciza 6 ta' Frar, 2013

Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li mill-provi prodotti l-approprijazzjoni indebita sehhet fuq medda ta' erba xhur, filwaqt li dak ta' riciklagg kien limitat ghall-okkazzjoni wahda u li l-imputata ma hiex xi *first-time offender*.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK et**[208] fejn gie kkunsidrat li:

> 9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>
> (a)Retributtiv;
>
> (b)Preventiv; u
>
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> **L-aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.
>
> L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lillmembri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għallmembri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għallinteressi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.
>
> Finalment hemm **l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex

[208] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Deciza 22 t'Ottubru 2019; Appell Nru. 234/2019

jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Jinghad ukoll li l-artikolu 257D(1)(a) tal-Kodici Kriminali citat aktar il-fuq jipprovdi ghall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin, l-istess bhal l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali;

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni w mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta u hamsa, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 257D(1)(a), 293, u 310(1)(A) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-raba u tas-sitt imputazzjoni, u tikkundannaha ghall-**sentejn (2) prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-<u>erba (4) snin</u> millum u ghal multa ta' **hamsa w ghoxrin elf Ewro (€25,000).**

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-ammont ta' **€5,766.04** rapprezentanti r-rikavat, jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta **€5,766.04**.[209]

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi

[209] Disposizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat…..

għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputata ghandha thallas *multa* ta' **€5,766.04** li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat t'approprijazzjoni indebita mwettaq mill-imputata.

Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta` mobbli w immobbli kollha ta' l-imputata kif stipulat fl-Artikolu 3(5) moqri flimkien ma l-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.[210]

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' **€992.91** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment il-Qorti tkun qed tonqos mid-doveri taghha jekk ma tirrikmarkax li kien propju n-nuqqas t'osservanza ghar-regoli tal-banek f'dak li ghandu x'jaqsam ma uzu ta' *debit cards* li ppermetta l-agir kriminuz tal-imputata jsib success.

Dawk l-istabbilimenti li ppermettew li persuna terza b'isem u kunjom differenti mill-*authorised holder* ta' *debit card*, **naqsu serjament u wrew li kull ma kien jinteressahom kien li jirregistraw bejgh; x'jimporta jekk it-transazzjoni kienet qed tippregudika persuna ohra!** Possibbli li l-ebda stabbiliment qatt ma vverifika jekk min kien qed jiffirma kienitx l-*authorised holder* li l-firma tieghu tidher fuq wara tal-*card*?? Possibbli ma rawx li anke l-kunjom kien differenti??

Dan l-ghemil ma ghandux jigi tolerat u sabiex jigi eradikat abbuz simili, l-awtoritajiet ghandhom jikkunsidraw serjament jekk wasalx iz-zmien li f'kaz ta' stabbilimenti li jaccettaw flejjes provvenjenti minn kontijiet ta' terzi - li certament mhux awtorizzati galadarba *debit card* tista' tintuza biss minn dik il-persuna li fuq isimha tkun inharget tant li fuqha hemm specifikat il-kliem '*authorised signature*'– ghandhomx ikunu **sanzjonati** mhux biss b' pieni pekunjarji izda sahansitra bis-sospensjoni jew revoka ta' licenzja biex joperaw in-negozju partikolari kif ukoll jigu obbligati jirrifondu flejjes lil *card holder*.

Meta l-pajjiz taghna qed ifittex kif aktar jirregola s-settur finanzjarju b'qafas legislattiv intiz biex jiggieled kontra l-hasil ta' flus u reati finanzjarji ohra, irid jigi assigurat li prattici abbuzivi minn negozji li jxejnu l-isforzi tal-awtoritajiet

---

[210] Vide **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imhallef Dr. Aaron Bugeja, Deciza 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017

ghall-aktar regolamentazzjoni f'dan il-qasam, jinhtieg li jigu daqstant iehor missielta b'determinazzjoni w fermezza.

Minn naha taghhom il-banek ghandhom jikkunsidraw x'mizuri jistghu jiehdu biex persuni vulnerabbli jhaddmu flushom b'aktar sigurta` filwaqt li tibqa' rispettata l-awtonomija taghhom.

Aktar ma jghaddi zmien sfortunatament qed nirriskontraw aktar kazijiet ta' l'hekk msejjha *elderly financial exploitation* jew *elder financial abuse and fraud*. Mizuri bhal l-uzu ta' *prepaid debit cards* u skrutinju ta' transazzjonijiet biex jigi assigurat li l-uzu ta' *card* partikolari hi konsonanti w konsistenti mal-istil ta' hajja tal-*card holder*, ghandhom jibdew jinghataw aktar importanza hekk kif rapporti dejjem jizdiedu dwar anzjani w persuni vulnerabbli li jigu misruqa, ffrodati u mcahhda minn dak li tul hajjithom ikunu haddmu qattiegh ghalih! Il-bank innisfu – anke b'mizati appoziti ghal tali servizz – jista' jkun strumentali biex jipprotegi klijenti tieghu minn persuni bla skruplu. Malli l-bank jiddentifika transazzjonijiet suspettuzi, anke bl-assitenza tal-Pulizija u fejn mehtieg tal-*Active Ageing and Community Care Directorate,* ghandu jigi mgharraf u mitkellem il-klijent.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil Onor. Ministru ghall-Gustizzja, lil Onor Ministru ghall-Anzjani u l-Anzjanita` Attiva, lil Malta Financial Services Authority bhala regolatur tas-servizzji finanzjarji, lil Malta Critical Infrastructure Protection Directorate u lil Financial Intelligence Analysis Unit.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

Notifika: Registratur tal-Qorti
Direttur, Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi